SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

26 ta' Settembru 2024*

"Appell – Għajnuna mill-Istat – Skema ta' għajnuna implimentata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja favur konsumaturi kbar tal-elettriku – Eżenzjoni mit-tariffi tan-network għall-perijodu 2012-2013 – Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq intern – Rikors għal annullament – Terminu għall-preżentata ta' rikors – Ammissibbiltà – Artikolu 107(1) TFUE – Kunċett ta' 'għajnuna mill-Istat' – Riżorsi tal-Istat – Taxxa parafiskali jew imposti obbligatorji oħra"

Fil-Kawżi magħquda C-790/21 P u C-791/21 P,

li għandhom bħala suġġett żewġ appelli skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentati fis-16 ta' Diċembru 2021,

Covestro Deutschland AG, stabbilita f'Leverkusen (il-Ġermanja), irrappreżentata minn D. Fouquet, T. Hartmann, M. Kachel, J. Panknin u R. Wilde, Rechtsanwälte,

appellanti fil-Kawża C-790/21 P,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn K. Herrmann, C. Kovács u T. Maxian Rusche, bħala aġenti, assistiti minn M. Bartsch u K. Bourazeri, Rechtsanwälte,

konvenuta fl-ewwel istanza,

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, irrappreżentata minn J. Möller u R. Kanitz, bħala aġenti,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

u

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, irrappreżentata minn J. Möller u R. Kanitz, bħala aġenti,

appellanti fil-Kawża C-791/21 P,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Covestro Deutschland AG, stabbilita f'Leverkusen (il-Ġermanja), irrappreżentata minn D. Fouquet, T. Hartmann, M. Kachel, J. Panknin u R. Wilde, Rechtsanwälte,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

rikorrenti fl-ewwel istanza,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn K. Herrmann, C. Kovács u T. Maxian Rusche, bħala aġenti, assistiti minn M. Bartsch u K. Bourazeri, Rechtsanwälte,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Jürimäe (Relatriċi), Presidenta ta' Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Imħallef tat-Tielet Awla, N. Piçarra, N. Jääskinen u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: L. Medina,

Reġistratur: D. Dittert, Kap ta' Diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-28 ta' Ġunju 2023,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2023,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha fil-Kawża C-790/21 P, Covestro Deutschland AG (iktar 'il quddiem "Covestro") titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Ottubru 2021, Covestro Deutschland vs Il-Kummissjoni (T-745/18, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2021:644), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/56 tat-28 ta' Mejju 2018 dwar skema ta' għajnuna SA.34045 (2013/c) (ex 2012/NN) implimentata mill-Ġermanja għall-konsumaturi ta' karga bażika skont l-Artikolu 19 tar-Regolament StromNEV (ĠU 2019, L 14, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

2 Permezz tal-appell tagħha fil-Kawża C-791/21 P, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob l-annullament tas-sentenza appellata.

3 Permezz tal-appelli inċidentali tagħha, ippreżentati f'kull waħda mill-Kawżi C-790/21 P u C-791/21 P, il-Kummissjoni Ewropea titlob ukoll l-annullament tas-sentenza appellata.

Il-kuntest ġuridiku

4 Il-premessa 39 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 [TFUE] (ĠU 2015, L 248, p. 9), tipprevedi:

"Fl-interessi tat-trasparenza u ċertezza legali, huwa xieraq li tingħata informazzjoni pubblika dwar id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni filwaqt li, fl-istess ħin, jissostna l-prinċipju li deċiżjonijiet f'każijiet ta' għajnuna mill-Istat huma indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat. Għaldaqstant, huwa xieraq li jkunu

ppublikati d-deċiżjonijiet kollha li jistgħu jaffettwaw l-interessi tal-partijiet interessati, jew kompletament jew f'forma qasira jew li jkun hemm disponibbli għall-partijiet interessati kopji ta' dawk id-deċiżjonijiet, fejn ma jkunux ġew ippubblikati jew ma jkunux ġew ippubblikati bis-sħiħ."

5 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

h) 'parti interessata' tfisser kull Stat Membru u kull persuna, impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi li l-interessi tagħhom jistgħu jkunu affettwati bl-għoti ta' għajnuna, b'mod partikolari l-benefiċjarju tal-għajnuna, impriżi li jikkompetu bejniethom u assoċjazzjonijiet tal-kummerċ."

6 L-Artikolu 32 tal-imsemmi regolament, intitolat "Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet", jipprovdi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

"Il-Kummissjoni għandha tippublika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* d-deċiżjonijiet li tieħu skont l-Artikolu 8(1) u (2) u l-Artikolu 9."

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

7 Il-fatti li wasslu għall-kawża, kif esposti fil-punti 1 sa 22 tas-sentenza appellata jistgħu jiġu mqassra kif ġej.

Fuq il-miżuri leġiżlattivi u regolamentari inkwistjoni

Fuq is-sistema tat-tariffi tan-network qabel l-introduzzjoni tal-miżuri kontenzjużi

8 L-Artikolu 21 tal-Energiewirtschaftsgesetz (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Provvista tal-Enerġija), kif emendata mill-Gesetz zur Neuregelung energiewirtschaftsrechtlicher Vorschriften (il-Liġi dwar ir-Reviżjoni tar-Regolamenti dwar l-Industrija tal-Enerġija), tas-26 ta' Lulju 2011 (BGBl. 2011 I, p. 1554), u qabel l-emendi magħmula mill-Gesetz zur Weiterentwicklung des Strommarktes (il-Liġi dwar l-Iżvilupp tas-Suq tal-Elettriku), tas-26 ta' Lulju 2016 (BGBl. 2016 I, p. 1786) (iktar 'il quddiem l-"EnWG 2011"), li tipprovdi b'mod partikolari li t-tariffi tan-network kellhom ikunu raġonevoli, nondiskriminatorji, trasparenti u bbażati fuq l-ispejjeż ta' użu effiċjenti tan-network.

9 L-Artikolu 24 tal-EnWG 2011 kien jawtorizza lill-Gvern Federali Ġermaniż jistabbilixxi, permezz ta' leġiżlazzjoni, dispożizzjonijiet iddettaljati fir-rigward, minn naħa, tad-definizzjoni tal-metodu ġenerali ta' determinazzjoni tat-tariffi tan-network u, min-naħa l-oħra, tar-regolamentazzjoni tal-każijiet partikolari ta' użu tan-network kif ukoll tal-kundizzjonijiet li fihom l-awtorità regolatorja setgħet tawtorizza jew tipprojbixxi tariffi tan-network individwali.

10 L-Artikolu 17 tal-iStromnetzentgeltverordnung (id-Digriet Federali dwar it-Tariffi tan-Network), tal-25 ta' Lulju 2005 (BGBl. 2005 I, p. 2225, iktar 'il quddiem ir-"Regolament StromNEV 2005"), jiddefinixxi l-metodu ta' kalkolu li għandu jintuża mill-operaturi tan-network sabiex jiġu

ddeterminati t-tariffi ġenerali. Dan huwa metodu f'żewġ stadji li jikkonsisti qabel kollox, fid-determinazzjoni tal-elementi differenti tal-ispejjeż annwali tan-networks kollha u, sussegwentement, fil-kalkolu tat-tariffi ġenerali abbażi tat-total annwali tal-ispejjeż tan-network.

11 Id-determinazzjoni tat-tariffi ġenerali għandha tieħu inkunsiderazzjoni ż-żewġ elementi li ġejjin, jiġifieri l-"funzjoni ta' simultanjetà", li tirrifletti l-probabbiltà li l-konsum individwali ta' utent jikkontribwixxi għall-ogħla piż annwali tal-livell tan-network ikkonċernat, u l-limitu massimu ta' dħul għal kull operatur, stabbilit mill-Bundesnetzagentur (l-Aġenzija Federali tan-Networks, il-Ġermanja) (iktar 'il quddiem il-"BNetzA"), abbażi ta' analiżi komparattiva ma' operaturi oħra tan-network, bl-għan li jiġi evitat li l-ispejjeż li jirriżultaw mill-ineffiċjenza jiġu kkumpensati mit-tariffi tan-network.

12 L-Artikolu 19 tar-Regolament StromNEV 2005 jipprevedi wkoll tariffi individwali għal kategoriji ta' utenti li l-profili tal-konsum u tal-piż tagħhom huma differenti ħafna minn dawk ta' utenti oħra (iktar 'il quddiem l-"utenti atipiċi"). Dawn it-tariffi jieħdu inkunsiderazzjoni, skont il-prinċipju li d-drittijiet ta' network jirriflettu l-ispejjeż tan-network, il-kontribut ta' dawn l-utenti atipiċi għat-tnaqqis jew għall-prevenzjoni ta' żieda f'dawn l-ispejjeż.

13 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 19(2) tar-Regolament StromNEV 2005 jistabbilixxi tariffi individwali għaż-żewġ kategoriji ta' utenti atipiċi li ġejjin:

– l-utenti li l-kontribut tagħhom fuq il-karga massima jista' jvarja b'mod sinjifikattiv mill-karga massima annwali simultanja tal-utenti l-oħra kollha konnessi fl-istess livell ta' network, jiġifieri l-utenti li jikkonsmaw sistematikament l-elettriku barra mis-sigħat ta' karga massima (iktar 'il quddiem il-"konsumaturi antiċikliċi"), u

– l-utenti b'konsum annwali tal-elettriku li jilħaq mill-inqas 7 000 siegħa ta' użu u iktar minn 10 gigawatt/siegħa (iktar 'il quddiem il-"konsumaturi ta' karga bażika").

14 Sal-emenda tiegħu bl-EnWG 2011, ir-Regolament StromNEV 2005 kien jipprovdi li l-konsumaturi antiċikliċi u l-konsumaturi ta' karga bażika kienu suġġetti għal tariffi individwali, li kienu kkalkolati skont il-"metodu tal-perkors fiżiku" stabbilit fil-"BNetzA"). Dan il-metodu kien jieħu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż tan-network iġġenerati minn dawn il-konsumaturi, b'tariffa minima ekwivalenti għal 20 % tat-tariffi ġenerali ppubblikati (iktar 'il quddiem it-"tariffa minima"). Din tal-aħħar kienet tiggarantixxi ħlas għall-operat tan-network li miegħu kienu konnessi l-imsemmija konsumaturi fil-każ fejn it-tariffi individwali kkalkolati skont il-metodu tal-perkors fiżiku kienu inqas minn din it-tariffa minima jew anki qrib iż-żero.

Fuq il-miżuri kontenzjużi

15 Skont it-tieni u t-tielet sentenza tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament StromNEW 2005, kif emendat bl-EnWG 2011 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament StromNEV 2011"), mill-1 ta' Jannar 2011, data ta' applikazzjoni retroattiva ta' din id-dispożizzjoni, it-tariffi individwali għall-konsumaturi ta' karga bażika tneħħew u ġew issostitwiti b'eżenzjoni kompleta tat-tariffi tan-network (iktar 'il quddiem l-"eżenzjoni kontenzjuża"), mogħtija minn awtorizzazzjoni tal-awtorità regolatorja kompetenti, jiġifieri l-BNetzA jew l-awtorità regolatorja tal-Land ikkonċernat. L-ispiża ta' din l-eżenzjoni kienet responsabbiltà tal-operaturi tan-network ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni skont il-livell tan-network li l-benefiċjarji kienu konnessi miegħu.

16 Skont is-sitt u s-seba' sentenza tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament StromNEV 2011, l-operaturi tan-network ta' trażmissjoni kienu obbligati jirrimborsaw lill-operaturi tan-network ta' distribuzzjoni t-telf fid-dħul li jirriżulta mill-eżenzjoni kontenzjuża u kellhom jikkumpensaw, bejniethom, l-ispejjeż ikkawżati minn din l-eżenzjoni, permezz ta' kumpens finanzjarju skont l-Artikolu 9 tal-Kraft-Wärme-Kopplungsgesetz (il-Liġi dwar il-Promozzjoni tal-Koġenerazzjoni tas-Sħana u tal-Elettriku), tad-19 ta' Marzu 2002 (BGBl. 2002 I, p. 1092), b'mod li kull wieħed jassumi l-istess oneru finanzjarju kkalkolat skont il-kwantità ta' elettriku li huwa kien jipprovdi lill-konsumaturi finali konnessi man-network tiegħu.

17 Mill-2012 'il quddiem, id-deċiżjoni tal-BNetzA tal-14 ta' Diċembru 2011 (BK8-11-024) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tal-BNetzA tal-2011") stabbilixxiet mekkaniżmu ta' finanzjament. Skont dan il-mekkaniżmu, l-operaturi tan-network ta' distribuzzjoni kienu jirċievu, mingħand il-konsumaturi finali jew mingħand fornituri tal-elettriku, sovrataxxa (iktar 'il quddiem is-"sovrataxxa kontenzjuża") li l-ammont tagħha tħallas lill-operaturi tan-network ta' trażmissjoni sabiex tikkumpensa t-telf fid-dħul ikkawżat mill-eżenzjoni kontenzjuża.

18 L-ammont tas-sovrataxxa kontenzjuża kien iddeterminat kull sena, minn qabel, mill-operaturi tan-network ta' trażmissjoni, fuq il-bażi ta' metodu stabbilit mill-BNetzA. L-ammont għas-sena 2012, l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-mekkaniżmu, ġie stabbilit direttament mill-BNetzA.

19 Dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux japplikaw għall-ispejjeż tal-eżenzjoni kontenzjuża għas-sena 2011 u, għaldaqstant, kull operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni kellu jbati t-telf marbut ma' din l-eżenzjoni għal dik is-sena.

Fuq is-sistema ta' tariffa ta' network posterjuri għall-miżuri kontenzjużi

20 Matul il-proċedura amministrattiva li wasslet għad-deċiżjoni kontenzjuża, l-eżenzjoni inkwistjoni qabel xejn ġiet iddikjarata nulla u mingħajr effett permezz ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji tal-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf, il-Ġermanja) tat-8 ta' Mejju 2013 u tal-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) tas-6 ta' Ottubru 2015. Din l-eżenzjoni ġiet sussegwentement imħassra, mill-1 ta' Jannar 2014, bir-Regolament StromNEV 2005, kif emendat bil-Verordnung zur Änderung von Verordnungen auf dem Gebiet des Energiewirtschaftsrechts (ir-Regolament li jemenda r-Regolamenti dwar l-Enerġija), tal-14 ta' Awwissu 2013. 2013 I, p. 3250) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament StromNEV 2013). Ir-Regolament StromNEV 2013 introduċa mill-ġdid, għall-futur, it-tariffi individwali kkalkolati skont il-metodu tal-perkors fiżiku, bl-applikazzjoni, minflok tat-tariffa minima, ta' tariffi fissi ta' 10, ta' 15 u ta' 20 % tat-tariffi ġenerali, skont il-konsum tal-elettriku (rispettivament 7 000, 7 500 u 8 000 siegħa ta' użu annwali tan-network) (iktar 'il quddiem it-"tariffi fissi").

21 Ir-Regolament StromNEV 2013 introduċa sistema tranżitorja, fis-seħħ mit-22 ta' Awwissu 2013 u applikabbli retroattivament għall-konsumaturi ta' karga bażika li kienu għadhom ma bbenefikawx mill-eżenzjoni inkwistjoni għas-snin 2012 u 2013 (iktar 'il quddiem l-"iskema tranżitorja"). Minflok it-tariffi individwali kkalkolati skont il-metodu tal-perkors fiżiku u t-tariffa minima, din l-iskema kienet tipprevedi esklużivament l-applikazzjoni għal dawn il-konsumaturi tat-tariffi fissi.

Fuq il-proċedura amministrattiva u d-deċiżjoni kontenzjuża

22 Wara diversi lmenti, il-Kummissjoni ppubblikat, fl-4 ta' Mejju 2013, id-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura skont l-Artikolu 108(2) TFUE dwar l-iskema ta' għajnuna bbażata fuq il-miżuri kkontestati (ĠU 2013, C 128, p. 43).

23 Fi tmiem proċedura li matulha r-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-partijiet ikkonċernati oħra ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, il-Kummissjoni adottat, fit-28 ta' Mejju 2018, id-deċiżjoni kontenzjuża.

24 Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonstatat li, mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2013, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet tat illegalment għajnuna mill-Istat fil-forma tal-eżenzjoni kontenzjuża.

25 B'mod iktar partikolari, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ammont tal-għajnuna mill-Istat kien jikkorrispondi għall-ispejjeż tan-network iġġenerati fl-2012 u fl-2013 mill-konsumaturi ta' karga bażika eżentati jew, jekk dawn l-ispejjeż kienu inqas mit-tariffa minima, għal din tal-aħħar.

26 Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrilevat li l-għajnuna inkwistjoni kienet inkompatibbli mas-suq intern, peress li ma kienet taqa' taħt ebda waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 107(2) u (3) TFUE, u lanqas ma setgħet tiġi kkunsidrata kompatibbli għal raġunijiet oħra.

27 Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet dan li ġej:

– l-eżenzjoni kontenzjuża kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, sa fejn il-konsumaturi ta' karga bażika kienu ġew eżentati mit-tariffi tan-network, li kienu jikkorrispondu għall-ispejjeż tan-network li huma kienu jiġġeneraw, jew tat-tariffa minima, jekk dawn l-ispejjeż kienu inqas minn din it-tariffa;

– l-għajnuna inkwistjoni kienet ġiet implimentata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE u ma kinitx kompatibbli mas-suq intern;

– l-għajnuna individwali, mogħtija taħt l-iskema inkwistjoni, ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat jekk, fil-mument tal-għoti tagħha, hija kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet iddefiniti mir-Regolament ikkonċernat dwar l-għajnuna "*de minimis*", adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli [107] u [108 TFUE] għal ċertu kategoriji ta' għajnuna Statali orizzontali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 312); u

– ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, minn naħa, kienet obbligata tirkupra mingħand il-benefiċjarji tal-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern, mogħtija taħt l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni, inklużi l-interessi, u, min-naħa l-oħra, kienet obbligata tannulla l-pagamenti kollha li kienu għadhom ma sarux taħt din l-iskema sa mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

28 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Diċembru 2018, Covestro ppreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

29 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tas-Sitt Awla tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ġunju 2019, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ġiet ammessa tintervjeni insostenn tat-talbiet ta' Covestro, b'konformità mat-talba ta' dan l-Istat Membru.

30 Insostenn ta' dan ir-rikors, Covestro invokat erba' motivi. L-ewwel motiv, li hija rrinunzjat għalih waqt is-seduta, kien ibbażat fuq it-tul eċċessiv tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. It-tieni motiv kien ibbażat fuq l-assenza ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. It-tielet motiv kien ibbażat fuq il-kompatibbiltà tal-għajnuna preżunta mas-suq intern skont, minn naħa, l-Artikolu 107(3)(b) TFUE u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 107(3)(c) TFUE. Ir-raba' motiv kien ibbażat fuq l-illegalità tal-ordni ta' rkupru, minħabba li din ittieħdet bi ksur, minn naħa, tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u, min-naħa l-oħra, tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

31 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddikjarat ir-rikors ammissibbli, imbagħad ikkonstatat li ma kienx għad hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar l-ewwel motiv wara l-irtirar ta' Covestro u, fl-aħħar nett, ċaħdet it-tieni sar-raba' motiv u, konsegwentement, ir-rikors għal annullament kollu kemm hu.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

32 Permezz tal-appell tagħha fil-Kawża C-790/21 P, Covestro titlob, essenzjalment, li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata u tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża għas-snin 2012 u 2013 fl-intier tagħha jew, sussidjarjament, sa fejn din id-deċiżjoni tikkonċernaha;

– b'mod iktar sussidjarju, tannulla s-sentenza appellata u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

33 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell fil-Kawża C-790/21 P u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

34 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell fil-Kawża C-790/21 P u tikkundanna lil Covestro għall-ispejjeż.

35 Permezz tal-appell tagħha fil-Kawża C-791/21 P, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata, sa fejn tiċħad ir-rikors għal annullament bħala infondat;

– tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja.

36 Covestro titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell fil-Kawża C-791/21 P u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

37 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell fil-Kawża C-791/21 P u tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-ispejjeż.

38 Permezz tal-appelli inċidentali tagħha fil-Kawżi C-790/21 P u C-791/21 P, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tiddikjara inammissibbli r-rikors għal annullament;

– fil-Kawża C-790/21 P, tikkundanna lil Covestro għall-ispejjeż sostnuti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, u

– fil-Kawża C-791/21 P, tikkundanna, minn naħa, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-ispejjeż sostnuti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u, min-naħa l-oħra, lil Covestro għall-ispejjeż sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali.

39 Covestro u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja jitolbu li l-appelli inċidentali jiġu miċħuda u li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

40 Permezz ta' deċiżjoni tal-president tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' April 2023, il-Kawżi C-790/21 P u C-791/21 P ingħaqdu għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza.

Fuq it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura fil-Kawża C-790/21 P

41 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru fl-1 ta' Frar 2024, Covestro talbet li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

42 Insostenn ta' din it-talba, Covestro tallega, fl-ewwel lok, li, fil-konklużjonijiet tagħha, l-Avukata Ġenerali naqset milli tieħu debitament inkunsiderazzjoni argument deċiżiv imressaq minn din il-parti sabiex turi l-assenza ta' oneru obbligatorju f'dan il-każ.

43 Fit-tieni lok, Covestro hija tal-fehma li l-punt 61 tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Jannar 2024, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (T-409/21, EU:T:2024:34), li permezz tagħha din tal-aħħar iddeċidiet li "[operaturi] ta' network ma humiex obbligati, skont il-liġi, li jitolbu l-imposta [inkwistjoni fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza] mingħand il-klijenti tagħhom, b'tali mod li din l-imposta ma tkunx tista' tiġi kklassifikata bħala [imposta obbligatorja]", jikkostitwixxi fatt ġdid u deċiżiv għall-finijiet ta' din l-istanza.

44 F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', kull ħin, wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari jekk tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew meta waħda mill-partijiet tippreżenta, wara l-għeluq ta' din il-fażi, fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew inkella meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li jkun għadu ma ġiex dibattut bejn il-partijiet.

45 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-allegata ommissjoni, mill-Avukata Ġenerali, li tieħu inkunsiderazzjoni argument deċiżiv, għandu jitfakkar li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jippreveduxil-possibbiltà, għall-partijiet, li jressqu osservazzjonijiet bi tweġiba għall-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE, l-Avukat Ġenerali għandu jippreżenta pubblikament bl-ikbar imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, konklużjonijiet motivati dwar il-kawżi li jeħtieġu l-intervent tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma hija marbuta la b'dawn il-konklużjonijiet u lanqas bil-motivazzjoni li abbażi tagħha l-Avukat Ġenerali jasal għal dawn il-konklużjonijiet. Konsegwentement, in-nuqqas ta' qbil ta' parti mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ikunu xi jkunu l-kwistjonijiet li dan tal-aħħar jeżamina fihom, ma jistax jikkostitwixxi fih innifsu motiv li jiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Lulju 2023, Grupa Azoty *et* vs Il-Kummissjoni, C-73/22 P u C-77/22 P, EU:C:2023:570, punt 25 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tat-8 ta' Frar 2024, Pilatus Bank vs BĊE, C-256/22 P, EU:C:2024:125, punti 29 u 30 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

46 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-invokazzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Jannar 2024, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (T-409/21, EU:T:2024:34), għandu jiġi kkonstatat li sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali ma tistax torbot lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2019, Polskie Górnictwo Naftowe i Gazownictwo vs Il-Kummissjoni, C-342/18 P, EU:C:2019:1043, punt 60).

47 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

Fuq l-appelli inċidentali

48 L-appelli inċidentali ppreżentati mill-Kummissjoni huma intiżi sabiex jikkontestaw l-ammissibbiltà tar-rikors fl-ewwel istanza, li hija kwistjoni preliminari fil-konfront ta' dawk dwar il-mertu mqajma fl-appelli prinċipali. Għaldaqstant, l-ewwel għandhom jiġu eżaminati l-appelli inċidentali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2020, Changmao Biochemical Engineering vs Distillerie Bonollo *et*, C-461/18 P, EU:C:2020:979, punt 43).

49 Insostenn tal-appelli inċidentali tagħha, il-Kummissjoni tqajjem tliet aggravji.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

50 Permezz tal-ewwel aggravju mqajjem insostenn tal-appelli inċidentali tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punti 37 sa 44 tas-sentenza appellata, meta adottat interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "pubblikazzjoni" fis-sens tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li kull pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tissodisfa dan il-kunċett, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk tali pubblikazzjoni tikkundizzjonax id-dħul fis-seħħ tal-att inkwistjoni skont l-Artikolu 297 TFUE u jekk hijiex prevista mit-Trattat innifsu.

51 Fl-ewwel lok, l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali tmur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenza tas-17 ta' Mejju 2017, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (C-339/16 P, EU:C:2017:384, punti 34 sa 40), kif ukoll digrieti tal-31 ta' Jannar 2019, Iordăchescu vs Il-Parlament *et* (C-426/18 P, EU:C:2019:89, punt 22), u tal-5 ta' Settembru 2019, Fryč vs Il-Kummissjoni (C-230/19 P, EU:C:2019:685, punt 15). Permezz ta' din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet parallelliżmu bejn is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u l-Artikolu 297 TFUE, fis-sens li l-pubblikazzjoni tal-att inkwistjoni tikkostitwixxi l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors biss jekk din tikkundizzjona d-dħul fis-seħħ ta' dan l-att u jekk hija prevista mit-Trattat innifsu.

52 Dan l-approċċ huwa kkonfermat minn interpretazzjoni letterali, kuntestwali u teleoloġika tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

53 Fir-rigward, minn naħa, tal-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ssostni li, fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha, bl-eċċezzjoni tal-verżjoni Ġermaniża, il-kliem "pubblikazzjoni" u "notifika" jinsabu kemm fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kif ukoll fl-Artikolu 297 TFUE, li juri l-eżistenza ta' parallelliżmu bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet.

54 Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tal-ispirtu u tal-finalità tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, it-termini għall-preżentata ta' rikors stabbiliti f'din id-dispożizzjoni jagħmlu parti mill-għan ta' ċertezza legali. Jekk individwu jkun jixtieq jikkontesta att, huwa għandu, fil-prinċipju, jagħmel dan fi żmien xahrejn mid-data li fiha l-verżjoni definittiva tal-kontenut tiegħu tkun ġiet innotifikata lilu. Min-naħa l-oħra, għall-atti ta' portata ġenerali li ma għandhomx destinatarji, din id-data hija dik tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali. Għall-atti li jindikaw destinatarju, l-imsemmija data hija dik tan-notifika lil dan id-destinatarju. Huwa biss b'mod eċċezzjonali u sussidjarju li, fir-rigward ta' att li la għandu jiġi ppubblikat u lanqas innotifikat, l-għarfien jista' jikkostitwixxi avveniment li jibda jiddekorri t-terminu għall-preżentata ta' rikors. Għalhekk, il-paralleliżmu bejn is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u l-Artikolu 297 TFUE jiggarantixxi li pubblikazzjoni sussegwenti ta' att fil-Ġurnal Uffiċjali għal finijiet ta' informazzjoni ma twassalx għal estensjoni tat-termini għall-preżentata ta' rikors u, għaldaqstant, għal inċertezza legali.

55 Fit-tieni lok, il-pubblikazzjoni f'il-Ġurnal Uffiċjali ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħlaq proċedura ta' investigazzjoni formali ma tistax tiġi assimilata għal "pubblikazzjoni" fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE. Għaldaqstant, din ma tikkostitwixxix il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu stabbilit għall-preżentata ta' rikors.

56 Minn naħa, tali deċiżjoni hija indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat u hija nnotifikata lilu biss. Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE, hija tidħol fis-seħħ permezz ta' din in-notifika u mhux permezz tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali, li hija intiża biss sabiex tinforma lill-pubbliku, inklużi l-benefiċjarji tal-għajnuna li mingħandhom l-Istat Membru kkonċernat għandu jirkupra din l-għajnuna anki qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija pubblikazzjoni ma tirriżultax mit-Trattat FUE, iżda mill-Artikolu 32 tar-Regolament 2015/1589, moqri fid-dawl tal-premessa 39 tiegħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex jiġi ddeterminat il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors li għandha impriża benefiċjarja sabiex tikkontesta deċiżjoni ta' għeluq tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, ma hemmx lok li wieħed jibbaża ruħu fuq l-għarfien effettiv ta' din id-deċiżjoni. Fl-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni preliminari demonstrabbli, id-data tal-pubblikazzjoni tal-att fil-Ġurnal Uffiċjali sservi bħala d-data meta wieħed isir jaf biha abbażi ta' finzjoni legali.

57 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni tinvoka sensiela ta' argumenti li, fil-fehma tagħha, isostnu l-interpretazzjoni tagħha tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

58 L-ewwel nett, hija tibbaża ruħha fuq l-istruttura ta' din id-dispożizzjoni sabiex issostni li l-pubblikazzjoni u n-notifika ta' att jitqiegħdu fuq punt ugwali u li l-għarfien jikkostitwixxi avveniment sussidjarju meta mqabbel mal-ewwel tnejn. Dan ir-rapport ta' sussidjarjetà jinkiser mill-interpretazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali, peress li, kieku l-pubblikazzjoni skont l-Artikolu 32 tar-Regolament 2015/1589 kienet ekwivalenti għal pubblikazzjoni skont l-Artikolu 297(1) TFUE, it-terminu għall-preżentata ta' rikors ikollu jibda jiddekorri, inkluż fir-rigward tal-Istat Membru kkonċernat u minkejja n-notifika, fid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

59 It-tieni nett, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali twassal għal nuqqas ta' opportunitajiet ugwali bejn l-impriżi li mingħandhom tiġi rkuprata għajnuna u l-kompetituri tagħhom li ma rċevewx għajnuna. Filwaqt li tal-ewwel jirċievu fil-prattika kopja tad-deċiżjoni mill-Istat Membru kkonċernat, tat-tieni għandhom jistennew il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, konformement mal-Artikolu 32 tar-Regolament 2015/1589, b'tali mod li t-termini għall-preżentata ta' rikors effettivi għal dawn l-impriżi jkunu differenti. Din l-interpretazzjoni twassal ukoll għal inugwaljanza bejn il-Kummissjoni u l-impriżi li mingħandhom għandha tiġi rkuprata l-għajnuna. Fil-fatt, sabiex tirrispondi għar-rikors ta' impriża benefiċjarja, il-Kummissjoni għandha terminu ta' xahrejn filwaqt li, minħabba l-imsemmija interpretazzjoni, dawn l-impriżi jibbenefikaw minn terminu itwal sabiex jippreparaw ir-rikors tagħhom.

60 It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali tibbaża ruħha fuq qari żbaljat tas-sentenza tal-10 ta' Marzu 1998, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-122/95, EU:C:1998:94). Fil-fatt, b'differenza mid-deċiżjoni kontenzjuża, id-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza ma indikat ebda destinatarju.

61 Ir-raba' nett, il-punt 39 tas-sentenza appellata, li fih il-Qorti Ġenerali rrilevat li Covestro setgħet suġġettivament tistenna l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża fil-Ġurnal Uffiċjali, jinjora n-natura ta' ordni pubbliku tat-termini għall-preżentata ta' rikors.

62 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirribatti li l-ewwel aggravju ma huwiex fondat. Covestro titlob li dan l-aggravju jiġi miċħud bħala inammissibbli, sa fejn huwa bbażat fuq argumenti bbażati fuq ġurisprudenza preċedenti li l-Kummissjoni ma qajmitx quddiem il-Qorti Ġenerali, u bħala infondat għall-bqija.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

– *Fuq l-ammissibbiltà tal-ewwel aggravju*

63 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, għalkemm, ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kompetenza tagħha fil-qasam tal-appell hija limitata, ma tistax tiġi adita b'tilwima iktar estiża minn dik imressqa quddiem il-Qorti Ġenerali (sentenza tal-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et*, C-136/92 P, EU:C:1994:211, punt 59), xorta jibqa' l-fatt li rikorrent jista' jippreżenta appell billi jsostni, quddiemha, aggravji li jirriżultaw mis-sentenza appellata stess u li huma intiżi sabiex jikkritikaw, fid-dritt, il-fondatezza tagħha (sentenzi tad-29 ta' Novembru 2007, Stadtwerke Schwäbisch Hall *et* vs Il-Kummissjoni, C-176/06 P, EU:C:2007:730, punt 17, kif ukoll tas-26 ta' Frar 2020, SEAE vs Alba Aguilera *et*, C-427/18 P, EU:C:2020:109, punt 54).

64 Permezz tal-ewwel aggravju tal-appelli inċidentali tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta l-evalwazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà li hija qajmet quddiem din tal-aħħar u li kienet ibbażata fuq it-tardività tar-rikors ippreżentat minn Covestro. L-invokazzjoni, f'dan il-kuntest, ta' preċedenti ġurisprudenzjali li hija ma invokatx quddiem il-Qorti Ġenerali tikkostitwixxi għalhekk sempliċi estensjoni tal-argument tagħha u għandha, għaldaqstant, tiġi ddikjarata ammissibbli (ara, b'analoġija, is-sentenzi tad-19 ta' Mejju 1983, Verros vs Il-Parlament, 306/81, EU:C:1983:143, punt 9; tas-26 ta' April 2007, Alcon vs UASI, C-412/05 P, EU:C:2007:252, punt 40, u tal-5 ta' Marzu 2024, Kočner vs Europol, C-755/21 P, EU:C:2024:202, punt 41).

65 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li ssostni Covestro, dan l-aggravju huwa ammissibbli fl-intier tiegħu.

– *Fuq il-fondatezza tal-ewwel aggravju*

66 Permezz tal-ewwel aggravju mqajjem insostenn tal-appelli inċidentali tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 37 sa 44 tas-sentenza appellata. Skont din, kuntrarjament għal dak li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet f'dawn il-punti, it-terminu għall-preżentata ta' rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża kien jibda jiddekorri, għal Covestro, mhux mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, iżda mid-data ta' meta din il-kumpannija saret taf b'mod effettiv bl-imsemmija deċiżjoni.

67 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, fil-punti 37 sa 44 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kummissjoni bbażata fuq l-allegata tardività tar-rikors għal annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża ppreżentat minn Covestro.

68 Minn qari flimkien tal-punti 37 sa 39 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Qorti Ġenerali qieset li t-terminu għall-preżentata ta' rikors kien jibda jiddekorri, f'dan il-każ, mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża fil-Ġurnal Uffiċjali, li seħħet fis-16 ta' Jannar 2019, u li dan it-terminu ġie osservat.

69 Insostenn ta' din il-kunsiderazzjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 38 tal-imsemmija sentenza, li l-kriterju tal-ġurnata li fiha r-rikorrent isir jaf bl-att ikkontestat bħala d-data li minnha jibda jiddekorri t-terminu tal-preżentata tar-rikors huwa sussidjarju għal kriterji tal-pubblikazzjoni u tan-notifika tal-att. Filwaqt li enfasizzat li l-pubblikazzjoni ma kinitx kundizzjoni għad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni kontenzjuża, hija rrilevat, fil-punt 39 tal-istess sentenza, li din id-deċiżjoni kellha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali skont l-Artikolu 32(3) tar-Regolament 2015/1589, b'tali mod li Covestro setgħet leġittimament tistenna li l-imsemmija deċiżjoni tiġi ppubblikata.

70 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, "[i]l-proċeduri msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jinbdew fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni [tal-att], jew minn meta dan jiġi notifikat lir-rikorrent, jew, fin-nuqqas ta' dan, mill-ġurnata minn meta ir-rikorrent ikun sar jaf bih, skond il-każ".

71 Mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni, b'mod partikolari mill-espressjonijiet "skont il-każ" u "fin-nuqqas ta' dan", jirriżulta b'mod ċar li l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors huwa ddeterminat skont is-sitwazzjoni inkwistjoni u li t-tliet kriterji li jistgħu jagħtu lok għal dan it-terminu huma mqiegħda f'ġerarkija.

72 Għalhekk, it-terminu tar-rikors għal annullament jibda jiddekorri, prinċipalment, mill-pubblikazzjoni tal-att jew min-notifika tiegħu lir-rikorrent. Dawn iż-żewġ kriterji prinċipali jinsabu, fl-istruttura tal-imsemmija dispożizzjoni, fuq l-istess livell fis-sens li ebda wieħed mill-imsemmija kriterji ma huwa sussidjarju għall-ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Mejju 2017, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-339/16 P, EU:C:2017:384, punt 38).

73 Min-naħa l-oħra, kif irrilevat ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 38 tas-sentenza appellata, il-kriterju tad-data ta' meta r-rikorrent isir jaf bl-att ikkontestat bħala l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors huwa ta' natura sussidjarja meta mqabbel ma' dak tal-pubblikazzjoni jew tan-notifika ta' dan l-att (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 1998, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-122/95, EU:C:1998:94, punt 35), fatt li barra minn hekk ma huwiex ikkontestat f'dan il-każ.

74 F'dan il-każ, id-deċiżjoni kontenzjuża, li tagħlaq proċedura ta' investigazzjoni formali ta' għajnuna mill-Istat, kienet tindika bħala destinatarju l-Istat Membru kkonċernat, jiġifieri lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, u ġiet innotifikata lilha, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE. Korrelattivament, din id-deċiżjoni kienet is-suġġett ta' pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, konformement mal-Artikolu 32(3) tar-Regolament 2015/1589.

75 F'każ bħal dan, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, għad-destinatarju tal-att li lilu għandu jiġi nnotifikat, jiġifieri l-Istat Membru kkonċernat, it-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament jibda jiddekorri mid-data ta' din in-notifika, u dan anki jekk l-att huwa wkoll ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Mejju 2017, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-339/16 P, EU:C:2017:384, punt 37).

76 Min-naħa l-oħra, minn interpretazzjoni letterali, teleoloġika u kuntestwali tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, moqri fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li t-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament jibda jiddekorri, għall-partijiet ikkonċernati, bħal Covestro, mill-pubblikazzjoni tal-att fil-Ġurnal Uffiċjali, inkluż meta din il-pubblikazzjoni ma tirriżultax mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE, iżda minn dispożizzjoni tad-dritt sekondarju, bħall-Artikolu 32(3) tar-Regolament 2015/1589.

77 Fil-fatt, l-ewwel, għandu jiġi kkonstatat, li l-formulazzjoni tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE ssemmi l-"pubblikazzjoni" tal-atti b'mod ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, PPG u SNF vs ECHA, C-625/11 P, EU:C:2013:594, punt 31). Għalhekk, din il-formulazzjoni ma tissuġġetta dan il-kunċett għal ebda kundizzjoni speċifika, b'mod partikolari fir-rigward tal-bażi legali tal-obbligu ta' pubblikazzjoni.

78 Dwar dan il-punt, huwa minnu li, kif tallega l-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod partikolari, li l-kunċett ta' "pubblikazzjoni", fis-sens tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, jirreferi għal pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali li tikkundizzjona d-dħul fis-seħħ tal-att u hija prevista mit-Trattat FUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Mejju 2017, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-339/16 P, EU:C:2017:384, punt 36; digrieti tal-31 ta' Jannar 2019, Iordăchescu vs Il-Parlament *et*, C-426/18 P, EU:C:2019:89, punt 22, kif ukoll tal-5 ta' Settembru 2019, Fryč vs Il-Kummissjoni, C-230/19 P, EU:C:2019:685, punt 15).

79 Madankollu, kuntrarjament għall-pożizzjoni difiża mill-Kummissjoni, minn dan ma jistax jiġi dedott li l-kunċett ta' "pubblikazzjoni", fis-sens tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, huwa limitat għal din l-ipoteżi.

80 Fil-fatt, il-preċedenti ċċitati fil-punt 78 ta' din is-sentenza ma jistgħux jinqraw b'mod iżolat, iżda jagħmlu parti minn ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li interpretat il-kunċett ta' "pubblikazzjoni", fis-sens tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, b'mod wiesa'. Għaldaqstant, jaqgħu taħt dan il-kunċett, minbarra l-ipoteżi msemmija f'dan il-punt 78, pubblikazzjoni tal-att ikkontestat fil-Ġurnal Uffiċjali li tirriżulta mhux minn obbligu impost mit-Trattat, iżda minn prassi stabbilita tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 1998, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-122/95, EU:C:1998:94, punti 36 u 39) jew minn dispożizzjoni tad-dritt sekondarju, bħall-Artikolu 32(3) tar-Regolament 2015/1589 (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-25 ta' Novembru 2008, S.A.BA.R. vs Il-Kummissjoni, C-501/07 P, EU:C:2008:652, punt 23), jew pubblikazzjoni fuq is-sit internet ta' istituzzjoni, ta' korp jew ta' organu tal-Unjoni meta din tkun prevista mid-dritt sekondarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, PPG u SNF vs ECHA, C-625/11 P, EU:C:2013:594, punti 30 sa 32).

81 It-tieni nett, fir-rigward tal-għanijiet tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, it-termini għall-preżentata ta' rikors skont din id-dispożizzjoni huma ta' ordni pubbliku u ma humiex għad-dispożizzjoni tal-partijiet u tal-qorti. Dawn ġew stabbiliti bl-għan li tiġi ssalvagwardata ċ-ċertezza legali billi tiġi evitata l-kontestazzjoni indefinita tal-atti tal-Unjoni li jwasslu għal effetti ta' dritt kif ukoll li tiġi evitata kull diskriminazzjoni jew trattament arbitrarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1967, Muller-Collignon vs Il-Kummissjoni, 4/67, EU:C:1967:51, p. 479; tat-23 ta' Jannar 1997, Coen, C-246/95, EU:C:1997:33, punt 21; digrieti tas-16 ta' Novembru 2010, Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert vs Il-Kummissjoni, C-73/10 P, EU:C:2010:684, punt 52, kif ukoll tal-31 ta' Jannar 2019, Iordăchescu vs Il-Parlament *et*, C-426/18 P, EU:C:2019:89, punt 21).

82 Issa, minn naħa, fir-rigward ta' deċiżjoni bħad-deċiżjoni kontenzjuża, li tagħlaq proċedura ta' investigazzjoni formali ta' għajnuna mill-Istat, jidher li, b'differenza mid-data ta' meta r-rikorrent isir jaf, id-data tal-pubblikazzjoni ta' att fil-Ġurnal Uffiċjali tista' tiġi stabbilita, fl-interess taċ-ċertezza legali, b'mod oġġettiv u b'ċertezza fir-rigward tal-partijiet interessati kollha li ma ġewx innotifikati b'din id-deċiżjoni. Huwa irrilevanti, f'dan ir-rigward, li dawn tal-aħħar setgħu jsiru jafu b'dan l-att qabel il-pubblikazzjoni tiegħu.

83 Barra minn hekk, dan jispjega għaliex, fl-istruttura ġenerali tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u fl-interess taċ-ċertezza legali, id-data tal-pubblikazzjoni tipprevali fuq id-data ta' meta r-rikorrent isir jaf biha, li hija, kif tfakkar fil-punt 73 ta' din is-sentenza, kriterju sussidjarju li minnu jibda jiddekorri t-terminu għall-preżentata ta' rikors. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tingħata raġun meta tissuġġerixxi, fir-realtà, li tinqaleb ir-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ kriterji msemmija fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

84 Min-naħa l-oħra, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni, l-interpretazzjoni mogħtija fil-punti 76 u 80 ta' din is-sentenza hija wkoll ta' natura li tevita kull diskriminazzjoni jew trattament arbitrarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja u li tiżgura, għalhekk, l-opportunitajiet ugwali tal-benefiċjarji tal-għajnuna mill-Istat u tal-impriżi kompetituri. Fil-fatt, għal dawn il-partijiet interessati kollha, it-terminu għall-preżentata ta' rikors jibda jiddekorri mill-istess data, jiġifieri dik tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali. Barra minn hekk, sa fejn il-Kummissjoni hija l-awtriċi ta' tali deċiżjoni u hija responsabbli mill-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali, hija ma tistax tislet b'suċċess argument minn allegata inugwaljanza tal-armi għad-detriment tagħha.

85 It-tielet nett, fir-rigward tal-kuntest, l-istruttura tat-Trattati timmilita wkoll kontra l-paralleliżmu strett, issuġġerit mill-Kummissjoni, bejn il-kunċetti ta' "pubblikazzjoni" użati fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE rispettivament. Fil-fatt, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat, f'dan ir-rigward, li, għalkemm dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jaqgħu taħt it-Titolu I tas-Sitt Parti tat-Trattat FUE, huma ma jirregolawx l-istess għan. Filwaqt li l-ewwel waħda tinsab fil-Kapitolu 1 tagħha, iddedikat għall-istituzzjonijiet, u, b'mod iktar speċifiku, fit-Taqsima 5 tagħha, iddedikata lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, it-tieni parti taqa' fil-Kapitolu 2 tagħha, iddedikat għall-atti legali tal-Unjoni u l-proċeduri ta' adozzjoni tagħhom.

86 Għal dawn il-motivi kollha, għandu jiġi konkluż li l-Qorti Ġenerali kellha raġun tiddeċiedi, fil-punti 37 sa 44 tas-sentenza appellata, li t-terminu tar-rikors kien jibda jiddekorri, għal Covestro, fid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża fil-Ġurnal Uffiċjali.

87 Għaldaqstant, l-ewwel aggravju mqajjem insostenn tal-appelli inċidentali għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

88 Permezz tat-tieni aggravju mqajjem insostenn tal-appelli inċidentali tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żewġ żbalji ta' liġi, rispettivament, fil-punti 37 u 42 tas-sentenza appellata.

89 Fl-ewwel lok, il-punt 37 ta' din is-sentenza jinkludi żnaturament manifest tar-rikors. Il-Kummissjoni tallega li, kuntrarjament għal dak li kkonstatat il-Qorti Ġenerali, ir-rikors ma ġiex ippreżentat f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem wara l-pubblikazzjoni, fis-16 ta' Jannar 2019, tad-deċiżjoni kontenzjuża fil-Ġurnal Uffiċjali, iżda fl-20 ta' Diċembru 2018, jiġifieri madwar xahar qabel il-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni.

90 Fit-tieni lok, meta affermat, fil-punt 42 tas-sentenza appellata, li "ma ġiex ippruvat li, f'dan il-każ, [Covestro] kellha konoxxenza 'inkonfutabbli' tad-deċiżjoni [kontenzjuża]" qabel il-pubblikazzjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti u l-provi. Fil-fatt, huwa manifest, fid-dawl tal-elementi mressqa mill-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, li Covestro kienet taf bl-eżistenza tad-deċiżjoni kontenzjuża qabel il-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali, mhux iktar tard mill-20 ta' Settembru 2018.

91 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirribatti li l-ewwel aggravju ma huwiex fondat. Covestro tqis li dan l-aggravju huwa inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

92 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-allegat żball ta' liġi li jivvizzja l-punt 37 tas-sentenza appellata, għandu jiġi osservat li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, f'dan il-punt, li "r-rikors [ta' Covestro] ġie ppreżentat fl-osservanza tat-terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni [kontenzjuża] fil-Ġurnal Uffiċjali, li seħħet fis-16 ta' Jannar 2019".

93 Għandu jiġi osservat, kif tagħmel il-Kummissjoni, li dan ir-rikors, ċertament, ġie ppreżentat fl-20 ta' Diċembru 2018, fi kliem ieħor saħansitra qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża fil-Ġurnal Uffiċjali. Madankollu, din iċ-ċirkustanza ma għandha ebda effett fuq l-ammissibbiltà tal-imsemmi rikors u, b'mod partikolari, fuq l-osservanza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors.

94 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-fatt li t-terminu għall-preżentata ta' rikors kontra att bħad-deċiżjoni kontenzjuża jibda jiddekorri biss, skont is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, mill-pubblikazzjoni tagħha ma jimplikax li rikorrenti ma tistax tikkontesta att adottat mill-Unjoni qabel ma dan jiġi adottat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, PPG u SNF vs ECHA, C-626/11 P, EU:C:2013:595, punti 34 sa 38).

95 Għaldaqstant, l-argument ibbażat fuq allegat żball ta' liġi li jivvizzja l-punt 37 tas-sentenza appellata għandu jiġi miċħud bħala infondat.

96 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-allegat żball ta' liġi li jivvizzja l-punt 42 tas-sentenza appellata, għandu jiġi osservat li, f'dan il-punt, il-Qorti Ġenerali rrilevat b'mod partikolari li, "fi kwalunkwe każ, ma ntweriex li, fil-każ inkwistjoni, [Covestro] kellha għarfien '[inkonfutabbli]' tad-deċiżjoni [kontenzjuża]".

97 F'dan ir-rigward, l-espressjoni "fi kwalunkwe każ" tindika li din ir-raġuni tifforma motiv superfluwu tas-sentenza appellata. Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, l-argumenti indirizzati kontra motivi superfluwi ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u għaldaqstant huma ineffettivi (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, United Parcel Service vs Il-Kummissjoni, C-297/22 P, EU:C:2023:1027, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

98 Għaldaqstant, l-argument ibbażat fuq allegat żball ta' liġi li jivvizzja l-punt 42 tas-sentenza appellata għandu jiġi miċħud bħala infondat.

99 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni aggravju mqajjem insostenn tal-appelli inċidentali għandu jiġi miċħud kollu kemm hu, mingħajr ma hemm bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tiegħu.

Fuq it-tielet aggravju

100 Permezz tat-tielet aggravju mqajjem, sussidjarjament, insostenn tal-appelli inċidentali tagħha, il-Kummissjoni tallega li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 89(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha billi naqset milli titlob lil Covestro tipproduċi d-dokumenti li jindikaw f'liema mument preċiż din tal-aħħar saret taf bil-kontenut tad-deċiżjoni kontenzjuża.

101 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan l-aggravju huwa bbażat fuq il-premessa li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat bħala l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament mhux id-data li fiha Covestro saret taf bid-deċiżjoni kontenzjuża, iżda dik tal-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali. Issa, din il-premessa hija żbaljata, kif jirriżulta mill-evalwazzjoni tal-ewwel aggravju mqajjem insostenn tal-appelli inċidentali.

102 Minn dan isegwi li t-tielet aggravju mqajjem insostenn tal-appelli inċidentali u, għaldaqstant, dawn l-appelli inċidentali għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

Fuq l-appelli prinċipali

103 Insostenn tal-appell tagħha fil-Kawża C-790/21 P, Covestro invokat, formalment, erba' aggravji. Madankollu, hija tikkunsidra flimkien dawk li hija tindika bħala l-ewwel żewġ aggravji u ma tagħmel ebda distinzjoni bejniethom. Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li Covestro tqajjem, essenzjalment, tliet aggravji. L-ewwel aggravju, li huwa maqsum f'erba' partijiet, huwa bbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ u tal-obbligu ta' motivazzjoni. It-tieni aggravju, li jista' jinqasam f'żewġ partijiet, huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

104 Insostenn tal-appell tagħha fil-Kawża C-791/21 P, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, sostnuta minn Covestro, tqajjem aggravju wieħed, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE. Dan l-aggravju jingħaqad, essenzjalment, mat-tieni parti tat-tieni aggravju mqajjem minn Covestro, sostnuta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, insostenn tal-appell tagħha fil-Kawża C-790/21 P.

Fuq l-ewwel aggravju fil-Kawża C-790/21 P

L-argumenti tal-partijiet

105 Permezz tal-ewwel aggravju mqajjem insostenn tal-appell tagħha, Covestro ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret id-dritt għal smigħ tagħha, l-obbligu ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

106 Dan l-aggravju huwa maqsum f'erba' partijiet.

107 Permezz tal-ewwel parti, Covestro tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u li kisret id-dritt għal smigħ tagħha, billi kkunsidrat b'mod manifestament żbaljat, fil-punt 8 tas-sentenza appellata, li t-tariffa tan-network applikabbli għall-konsumaturi antiċikliċi kienet ikkalkolata skont il-metodu tal-perkors fiżiku. Kuntrarjament għal dak li qieset il-Qorti Ġenerali f'dan il-punt, u kif enfasizzat Covestro fl-ewwel istanza, ir-Regolament StromNEV 2005 qatt ma ppreveda għall-konsumaturi finali antiċikliċi kalkolu tat-tariffa bbażat fuq il-metodu tal-perkors fiżiku. Kieku l-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni dan l-argument ta' Covestro, hija ma kinitx tibbaża ruħha biss fuq it-tariffa tan-network individwali prevista fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament StromNEV 2005 sabiex tiddetermina l-kuntest ġuridiku rilevanti.

108 Permezz tat-tieni parti, Covestro tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma kkunsidratx, fil-punti 12, 94, 103, 129, 135 u 146 tas-sentenza appellata, l-argument tagħha marbut mad-determinazzjoni tal-ammont tas-sovrataxxa kontenzjuża. Billi telqet b'mod żbaljat mill-prinċipju li dan l-ammont ġie kkalkolat u ffissat għas-sena 2012 permezz tad-Deċiżjoni BNetzA tal-2011, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet b'mod żbaljat, fil-punt 134 ta' dik is-sentenza, li kien jeżisti kontroll statali fuq din is-sovrataxxa. Issa, skont Covestro, huma l-operaturi tan-network li għandhom marġni ta' manuvra għall-kalkolu u l-iffissar tal-imsemmija sovrataxxa, li konsegwentement ma hija suġġetta għal ebda kontroll jew standard tal-Istat.

109 Permezz tat-tielet parti, Covestro tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fil-punti 130 u 143 tas-sentenza appellata, l-argument tagħha dwar in-nuqqas ta' rimbors tat-telf kollu ta' dħul u tal-ispejjeż kollha marbuta mal-eżenzjoni kontenzjuża. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha kif ukoll id-dritt għal smigħ ta' Covestro. Kieku l-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni dan l-argument, hija kien ikollha tikkonkludi li s-sovrataxxa kontenzjuża ma kinitx tikkostitwixxi taxxa.

110 Permezz tar-raba' parti, Covestro tilmenta li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fil-punti 107 u 125 tas-sentenza appellata, l-argument tagħha dwar in-nullità tad-Deċiżjoni BNetzA tal-2011. Billi ddeċidiet li din id-deċiżjoni ġiet effettivament applikata u li hija setgħet tipproduċi l-effetti tagħha sakemm ma tkunx ġiet imħassra jew sakemm l-illegalità tagħha ma tkunx ġiet ikkonstatata, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq interpretazzjoni żbaljata tad-dritt nazzjonali. Fil-fatt, skont Covestro, peress li l-imsemmija deċiżjoni ġiet annullata b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2012, hija kienet nulla mill-bidu nett.

111 Il-Kummissjoni titlob li l-ewwel aggravju jiġu miċħud bħala parzjalment infondat u parzjalment ineffettiv.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

112 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, Covestro tilmenta, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tagħha għal smigħ kif ukoll l-obbligu li timmotiva s-sentenza appellata, billi naqset milli tieħu debitament inkunsiderazzjoni diversi argumenti li hija kienet ippreżentat. Barra minn hekk, dawn l-ommissjonijiet wasslu għal evalwazzjonijiet żbaljati tad-dritt Ġermaniż u tas-sovrataxxa kontenzjuża.

113 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni, impost fuq il-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tagħha, jimponilha li tgħarraf b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament li hija segwiet, b'mod li jippermetti lill-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni meħuda u lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, EU:C:2010:603, punti 135 u 136 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

114 Madankollu, dan l-obbligu ma jeżiġix li l-Qorti Ġenerali tipprovdi espożizzjoni li ssegwi b'mod eżawrjenti u wieħed wieħed ir-raġunamenti kollha esposti mill-partijiet fit-tilwima. Il-motivazzjoni tista' għalhekk tkun impliċita, bil-kundizzjoni li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu r-raġunijiet li fuqhom tibbaża ruħha l-Qorti Ġenerali u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha fil-kuntest ta' appell (sentenza tat-30 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs Franza u Orange, C-486/15 P, EU:C:2016:912, punt 80 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

115 F'dan il-każ, fir-rigward tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, għandu jiġi kkonstatat li l-punt 8 tas-sentenza appellata jinsab mhux fil-motivi li bihom il-Qorti Ġenerali ddeċidiet fuq il-motivi u l-argumenti tal-partijiet, iżda fl-espożizzjoni tal-fatti li wasslu għall-kawża. Sa fejn Covestro tallega li l-affermazzjoni li tinsab f'dan il-punt tonqos milli tikkunsidra l-argumenti tagħha, imressqa fil-punti 29 sa 33 tar-replika tagħha fl-ewwel istanza, għandu jiġi rrilevat li dawn l-argumenti ġew ippreżentati fil-kuntest tar-raba' motiv għal annullament imqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-Qorti Ġenerali eżaminathom fil-punti 194 sa 210 tas-sentenza appellata, li ma humiex ikkontestati fil-kuntest ta' dan il-motiv.

116 Fir-rigward tat-tieni sar-raba' partijiet ta' dan il-motiv, għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 84 sa 148 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat u ċaħdet b'mod motivat it-tieni parti tat-tieni motiv imqajjem minn Covestro fl-ewwel istanza, li kienet ibbażata fuq in-nuqqas ta' għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat. F'dan il-kuntest, hija ddeċidiet espliċitament fuq diversi argumenti ta' Covestro u, b'mod partikolari, ċaħdet, fil-punti 107 u 125 ta' din is-sentenza, l-argument tagħha bbażat fuq in-nullità tad-Deċiżjoni BNetzA tal-2011, fil-punt 130 tal-imsemmija sentenza, l-argument tagħha bbażat fuq in-nuqqas ta' kumpens sħiħ tat-telf u, fil-punt 135 tal-istess sentenza, l-argument tagħha dwar id-determinazzjoni tal-ammont tas-sovrataxxa kontenzjuża.

117 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li tallega Covestro, il-Qorti Ġenerali ma kisritx l-obbligu ta' motivazzjoni li hija għandha meta naqset milli tieħu debitament inkunsiderazzjoni dawn l-argumenti. Peress li l-allegazzjoni, minn Covestro, ta' ksur tad-dritt għal smigħ tagħha hija bbażata fuq il-premessa li l-Qorti Ġenerali naqset milli tikkunsidra l-argumenti tagħha, din għandha wkoll tiġi miċħuda.

118 Fil-fatt, sa fejn Covestro tidher li ssostni, taħt kopertura ta' allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, li l-Qorti Ġenerali kellha tilqa' l-imsemmija argument, għandu jiġi kkonstatat li din hija kwistjoni differenti minn dik tal-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u li hija relatata mal-fondatezza tal-motivazzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs Franza u Orange, C-486/15 P, EU:C:2016:912, punt 79).

119 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argumenti dwar żbalji li l-Qorti Ġenerali allegatament wettqet fl-analiżi tad-dritt Ġermaniż, għandu jitfakkar li mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li l-appell huwa limitat għall-punti ta' liġi. Għaldaqstant, hija biss il-Qorti Ġenerali li hija kompetenti biex tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti kif ukoll biex tevalwa l-provi. Għalhekk, l-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti u ta' dawn il-provi, ma tikkostitwixxix, bl-eċċezzjoni ta' meta dawn jiġu żnaturati, punt ta' liġi li, bħala tali, huwa suġġett għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Fútbol Club Barcelona, C-362/19 P, EU:C:2021:169, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

120 Għaldaqstant, fir-rigward tal-eżami, fil-kuntest ta' appell, tal-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tad-dritt nazzjonali, li, fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, jikkostitwixxu evalwazzjonijiet ta' fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni biss sabiex tivverifika jekk kienx hemm żnaturament ta' dan id-dritt (sentenzi tat-3 ta' April 2014, Franza vs Il-Kummissjoni, C-559/12 P, EU:C:2014:217, punt 79, u tal-14 ta' Diċembru 2023, Il-Kummissjoni vs Amazon.com *et*, C-457/21 P, EU:C:2023:985, punt 20 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Tali żnaturament għandu jirriżulta b'mod manifest mill-annessi tal-proċess, mingħajr ma jkun neċessarju li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi (sentenza tat-3 ta' April 2014, Franza vs Il-Kummissjoni, C-559/12 P, EU:C:2014:217, punt 80).

121 F'dan il-każ, l-ewwel nett, huwa minnu li, kif barra minn hekk tammetti l-Kummissjoni, il-preżentazzjoni tad-dritt Ġermaniż magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punt 8 tas-sentenza appellata hija vvizzjata b'impreċiżjoni. B'differenza minn dak li jista' jagħti x'jifhem dan il-punt, huma biss il-ħlasijiet individwali għall-konsumaturi ta' karga bażika, u mhux dawk applikabbli għall-konsumaturi antiċikliċi, li kienu kkalkolati skont il-metodu tal-perkors fiżiku qabel l-implementazzjoni tal-eżenzjoni kontenzjuża. Madankollu, Covestro ma rnexxilhiex turi,

fil-kuntest ta' dan il-motiv, li din l-impreċiżjoni, fl-istadju tal-espożizzjoni tal-fatti li wasslu għall-kawża, kellha effett fuq l-evalwazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tal-fondatezza tar-rikors fl-ewwel istanza.

122 It-tieni nett, għall-bqija, għandu jiġi kkonstatat li Covestro la wriet u lanqas allegat żnaturament tad-dritt nazzjonali u tal-elementi ta' fatt.

123 Fit-tielet lok, peress li l-argument dwar l-assenza ta' effetti tad-Deċiżjoni BNetzA tal-2011 jingħaqad ma' argument ippreżentat minn Covestro fil-kuntest tat-tielet ilment tat-tieni parti tat-tieni motiv tagħha, dan ser jiġi eżaminat f'dan il-kuntest.

124 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, u suġġett għar-riżerva espressa fil-punt preċedenti, l-ewwel aggravju mqajjem fil-Kawża C-790/21 P għandu jiġi miċħud bħala parzjalment ineffettiv u parzjalment infondat.

Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju fil-Kawża C-790/21 P

L-argumenti tal-partijiet

125 Permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju mqajjem insostenn tal-appell tagħha, Covestro ssostni li s-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat, fil-punti 47 sa 77 ta' dik is-sentenza, li l-eżenzjoni kontenzjuża tikkostitwixxi "vantaġġ", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali estendiet, b'mod eċċessiv, il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

126 B'mod partikolari, l-eżami, fil-punti 56 *et seq* tal-imsemmija sentenza, tal-eżenzjoni kontenzjuża fid-dawl tal-kriterju tal-operatur privat f'ekonomija tas-suq huwa żbaljat. Il-Qorti Ġenerali kellha tevalwa l-eżenzjoni kontenzjuża billi tikkunsidra l-kontribuzzjoni ta' Covestro għall-istabbiltà tan-network fil-Ġermanja u l-ispejjeż evitati permezz ta' din il-kontribuzzjoni. Barra minn hekk, hija rrikonoxxiet il-fondatezza tal-argumenti ta' Covestro f'dan ir-rigward fil-punt 208 tal-istess sentenza.

127 Fi kwalunkwe każ, anki kieku kien hemm lok li jitqies li l-eżenzjoni kontenzjuża kienet tikkostitwixxi vantaġġ, dan ma kienx selettiv. Fil-fatt, minn naħa, din l-eżenzjoni hija miżura li tista', bħala prinċipju, tibbenefika, mingħajr restrizzjonijiet, lill-impriżi nazzjonali kollha skont l-aġir tagħhom ta' xiri fuq in-network tal-elettriku upstream. Min-naħa l-oħra, differenzazzjoni, li tillimita l-kamp tal-imsemmija eżenzjoni għall-konsumaturi ta' karga bażika, hija ġġustifikata minn kriterji oġġettivi bbażati fuq l-ibbilanċjar tal-prinċipju li d-drittijiet tan-network mal-kontribuzzjoni tal-impriżi għall-istabbiltà tal-imsemmi network.

128 Il-Kummissjoni titlob li l-ewwel parti tiġi miċħuda bħala ineffettiva u, fi kwalunkwe każ, infondata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

129 Fl-ewwel lok, l-argumenti dwar l-assenza ta' "vantaġġ", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE huma intiżi, essenzjalment, sabiex jikkontestaw l-evalwazzjonijiet fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali, mingħajr ma jistabbilixxu jew jallegaw żnaturament tal-punti ta' fatt jew ta' prova minn din tal-aħħar.

130 Issa, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 119 ta' din is-sentenza, tali evalwazzjonijiet ma jaqgħux, bla ħsara għall-każ tal-iżnaturament tal-punti ta' fatt jew ta' prova, taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell.

131 Sa fejn Covestro tidher li tallega, f'dan il-kuntest, kontradizzjoni tal-motivi bejn l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar il-kunċett ta' "vantaġġ" u l-punt 208 tas-sentenza appellata, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li din l-allegazzjoni hija impreċiża u sostnuta b'mod insuffiċjenti.

132 Għaldaqstant, l-argumenti kollha dwar l-eżistenza ta' vantaġġ huma inammissibbli.

133 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argumenti dwar is-selettività, għandu jiġi osservat li, fil-punt 194 tas-sentenza appellata, li ma huwiex ikkontestat fil-kuntest tal-appell fil-Kawża C-790/21 P, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li Covestro ma kinitx ikkontestat l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, ifformulata fil-premessi 101 sa 121 tad-deċiżjoni kontenzjuża, dwar in-natura selettiva tal-miżura inkwistjoni.

134 Għaldaqstant, dan huwa argument ġdid, imqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li għandu, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 63 ta' din is-sentenza, jiġi ddikjarat inammissibbli.

135 Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tieni aggravju mqajjem fil-Kawża C-790/21 P għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli fl-intier tagħha.

Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju fil-Kawża C-790/21 P u l-aggravju uniku fil-Kawża C-791/21 P

136 Permezz tat-tieni parti tat-tieni aggravju mqajjem insostenn tal-appell fil-Kawża C-790/21 P u permezz tal-aggravju uniku mqajjem insostenn tal-appell fil-Kawża C-791/21 P, rispettivament, Covestro u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li kisret l-Artikolu 107(1) TFUE, sa fejn hija qieset, b'mod żbaljat, li l-eżenzjoni kontenzjuża tikkostitwixxi għajnuna mogħtija permezz ta' "riżorsi tal-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

137 L-argumenti tagħhom jirrigwardaw, essenzjalment, tliet kwistjonijiet li jirrigwardaw, l-ewwel waħda, il-kriterju ġuridiku li jippermetti li tiġi evalwata l-eżistenza ta' miżura mogħtija permezz ta' "riżorsi tal-Istat", it-tieni waħda, l-eżistenza ta' taxxa obbligatorja u, it-tielet waħda, il-kontroll statali.

Fuq il-kriterju ġuridiku li jippermetti li tiġi evalwata l-eżistenza ta' miżura mogħtija permezz ta' "riżorsi tal-Istat"

– *L-argumenti tal-partijiet*

138 Covestro, permezz tal-ewwel żewġ ilmenti tat-tieni parti tat-tieni aggravju tagħha, u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, permezz tal-ewwel parti tal-aggravju uniku tagħha, jikkritikaw, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali talli applikat kriterju ġuridiku żbaljat sabiex tevalwa n-natura statali tar-riżorsi inkwistjoni.

139 Fl-ewwel lok, fil-kuntest tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, Covestro u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kkontestaw, rispettivament, il-punti 84 sa 97 kif ukoll il-punti 95 sa 97 u 109 tas-sentenza appellata minħabba li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tan-natura statali jew le tar-riżorsi, l-eżistenza ta' oneru obbligatorju fuq il-konsumaturi jew il-klijenti finali u l-kontroll statali fuq il-fondi jew fuq l-amministraturi ta' dawn il-fondi huma żewġ elementi li "jagħmlu parti minn alternattiva", b'mod li kien biżżejjed għaliha li tivverifika jekk is-sovrataxxa kontenzjuża kinitx oneru obbligatorju assimilabbli għal taxxa parafiskali. Dawn huma, għall-kuntrarju, kriterji kumulattivi, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza li tirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413, punti 66, 69, 70, 72 u 75), tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 72), tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407), kif ukoll tas-16 ta' Settembru 2021, FVE Holýšov I *et* vs Il-Kummissjoni (C-850/19 P, EU:C:2021:740).

140 Barra minn hekk, għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, din l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali, ibbażata fuq kriterji alternattivi, tikkontradixxi l-punti 133 sa 145 tas-sentenza appellata, li fihom il-Qorti Ġenerali eżaminat l-eżistenza ta' kontroll mill-Istat, minkejja li kienet diġà kkonkludiet li kien hemm oneru obbligatorju.

141 Fit-tieni lok, skont ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, dan l-approċċ tal-Qorti Ġenerali lanqas ma huwa sostnut mill-Artikoli 30 u 110 TFUE, li essenzjalment huma intiżi għat-tneħħija u għall-projbizzjoni ta' miżuri protezzjonisti.

142 F'dan ir-rigward, Covestro tallega, min-naħa tagħha, li, fil-punt 121 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet b'mod żbaljat li s-sovrataxxa kontenzjuża kienet tissodisfa l-kunċett ta' "taxxa", fis-sens tal-Artikoli 30 u 110 TFUE. Din is-sovrataxxa ma tissodisfax il-kriterji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dwar dan il-kunċett. Is-sovrataxxa inkwistjoni hija differenti mill-imposti inkwistjoni fil-kawżi li taw lok għal din il-ġurisprudenza.

143 Fit-tielet lok, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE fis-sens li hemm lok li jiġi preżunt li kull taxxa għandha oriġini statali, indipendentement mill-għanijiet imfittxija minn din id-dispożizzjoni, hija żbaljata fid-dritt. Din l-interpretazzjoni twassal għal konsegwenza mhux prevista mit-Trattati, jiġifieri li kull regolazzjoni tal-prezzijiet tas-suq twassal għal użu tar-riżorsi tal-Istat u għandha għalhekk tiġi nnotifikata, skont l-Artikolu 108 TFUE. Issa, tali leġiżlazzjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-moviment liberu tal-merkanzija u mhux tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

144 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-ewwel u t-tieni lmenti tat-tieni parti tat-tieni aggravju imqajjem minn Covestro u tikkunsidra li l-ewwel parti tal-aggravju uniku mqajjem mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja huwa, bħala tali, ineffettiv.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

145 Covestro u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja jikkritikaw, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali talli applikat kriterju legali żbaljat sabiex tiddetermina jekk l-ammonti li jirriżultaw mis-sovrataxxa kontenzjuża joriġinawx mir-"riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

146 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kwalifika bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, teħtieġ li jkunu ssodisfatti erba' kundizzjonijiet, jiġifieri, li jkun hemm intervent mill-Istat jew "permezz ta' riżorsi tal-Istati", li dan l-intervent ikun jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, li l-imsemmi intervent jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tiegħu u li l-istess intervent joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni (sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, DOBELES HES, C-702/20 u C-17/21, EU:C:2023:1, punt 31 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

147 F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li, skont ġurisprudenza stabbilita, miżura tista' tiġi kklassifikata bħala intervent mill-Istat jew bħala għajnuna mogħtija "permezz ta' riżorsi tal-Istat" jekk, minn naħa, il-miżura tingħata direttament jew indirettament permezz ta' dawn ir-riżorsi u, min-naħa l-oħra, il-miżura tkun imputabbli lil Stat Membru (sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, DOBELES HES, C-702/20 u C-17/21, EU:C:2023:1, punt 32 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

148 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-kundizzjoni li l-vantaġġ jingħata "permezz ta' riżorsi tal-Istat", il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-ġurisprudenza tagħha, stabbiliet żewġ kriterji li jippermettu li jiġi stabbilit li fondi li permezz tagħhom jingħata vantaġġ tariffarju, abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, jikkostitwixxu "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, DOBELES HES, C-702/20 u C-17/21, EU:C:2023:1, punti 34, 38, 39 u 42).

149 Għalhekk, fl-ewwel lok, il-fondi pprovduti minn taxxa jew minn imposti obbligatorji oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u amministrati u mqassma konformement ma' din il-leġiżlazzjoni jikkostitwixxu "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, DOBELES HES, C-702/20 u C-17/21, EU:C:2023:1, punt 38).

150 Fit-tieni lok, il-fatt li s-somom jibqgħu kontinwament taħt kontroll pubbliku, u għalhekk għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, huwa biżżejjed sabiex jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, DOBELES HES, C-702/20 u C-17/21, EU:C:2023:1, punt 39 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

151 Il-kriterji msemmija fil-punti 149 u 150 ta' din is-sentenza jikkostitwixxu kriterji alternattivi li jippermettu li jiġi stabbilit li miżura tingħata "permezz ta' riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, DOBELES HES, C-702/20 u C-17/21, EU:C:2023:1, punt 42), kif ukoll Covestro u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja rrikonoxxew dan waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-portata tas-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, DOBELES HES (C-702/20 u C-17/21, EU:C:2023:1).

152 Minn dan isegwi, l-ewwel nett, li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta, fil-punti 95 sa 97 u 109 tas-sentenza appellata, qieset li n-natura statali tar-riżorsi, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, tista' tiġi stabbilita permezz ta' żewġ kundizzjonijiet alternattivi li jirrigwardaw, waħda, l-eżistenza ta' oneru obbligatorju fuq il-konsumaturi jew il-klijenti finali u, l-oħra, il-kontroll statali fuq il-ġestjoni tas-sistema u, b'mod partikolari, fuq il-fondi jew l-amministraturi ta' dawn il-fondi. Fid-dawl tar-risposti mogħtija minn Covestro u mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet, l-argumenti kollha intiżi sabiex jikkontestaw din l-evalwazzjoni għandhom jiġu miċħuda.

153 It-tieni nett, kuntrarjament għal dak li tallega r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li qieset opportun li teżamina, fil-punti 133 sa 145 tas-sentenza appellata, l-eżistenza ta' kontroll statali fuq il-fondi miġbura bħala sovrataxxa kontenzjuża jew fuq l-operaturi tan-network, wara li kkonstatat, fil-punt 132 ta' din is-sentenza, l-eżistenza ta' taxxa parafiskali jew ta' oneru obbligatorju li jimplika l-użu ta' riżorsi tal-Istat.

154 Huwa minnu li l-Qorti Ġenerali setgħet tevita dan l-eżami dwar l-eżistenza ta' kontroll statali, fid-dawl tan-natura alternattiva taż-żewġ kriterji li hija eżaminat. Madankollu, xejn ma jipprekludi li, b'mod partikolari għal raġunijiet ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, il-Qorti Ġenerali tkompli r-raġunament tagħha permezz ta' kunsiderazzjonijiet superfluwi, bħal, f'dan il-każ, dawk relatati mal-eżistenza ta' kontroll mill-Istat, bl-istess mod kif għamlet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 41 tas-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, DOBELES HES (C-702/20 u C-17/21, EU:C:2023:1).

155 It-tielet nett, sa fejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja targumenta li huwa kuntrarju għall-għanijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE li jiġi preżunt li kull taxxa għandha oriġini statali, l-argument tagħha huwa bbażat fuq premessa u qari żbaljat tas-sentenza appellata.

156 Fil-fatt, minn naħa, kif jirriżulta mill-punt 149 ta' din is-sentenza, ma humiex il-fondi ffinanzjati minn kull taxxa iżda biss dawk li huma ffinanzjati minn taxxa obbligatorja, prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, amministrata u mqassma skont din il-leġiżlazzjoni, li jistgħu jikkostitwixxu "riżorsi tal-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punti 109 u 113 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali speċifikament ivverifikat jekk is-sovrataxxa kontenzjuża kinitx imposta mill-Istat u mgħoddija kollha kemm hi, permezz ta' obbligu legali, fuq id-debituri finali ta' din is-sovrataxxa.

157 Ir-raba' nett, fir-rigward tal-argument żviluppat minn Covestro u mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar l-Artikoli 30 u 110 TFUE, għandu jiġi kkonstatat li, fil-punt 121 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni, f'motiv superfluwu introdott bil-frażi avverbjali "[b]arra minn hekk", il-ġurisprudenza relatata ma' dawn id-dispożizzjonijiet. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li l-kwalità ta' debitur tat-taxxa ma hijiex wisq rilevanti, sa fejn it-taxxa tirrigwarda l-prodott inkwistjoni jew attività neċessarja fir-rigward tal-prodott inkwistjoni. Hija żiedet li l-element deċiżiv huwa għalhekk ikkostitwit mill-fatt li l-entitajiet li ġabru taxxa għandhom mhux biss obbligu ta' xiri permezz tar-riżorsi finanzjarji tagħhom stess, iżda inkarigati mill-Istat sabiex jamministraw riżorsa tal-Istat.

158 Peress li dan il-punt jistabbilixxi motiv superfluwu, l-argument li jikkritikah huwa ineffettiv.

159 Fi kwalunkwe każ, għandu jitqies li l-Qorti Ġenerali rreferiet għall-ġurisprudenza dwar l-Artikoli 30 u 110 TFUE mhux sabiex tevalwa s-sovrataxxa kontenzjuża fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet, iżda sabiex tikkorrobora l-analiżi tagħha ta' din is-sovrataxxa fid-dawl tal-Artikolu 107(1) TFUE. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li fixklet is-sistemi legali distinti li jirriżultaw, rispettivament, mill-ewwel tnejn minn dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE u mit-tielet waħda minnhom.

160 Mill-motivi preċedenti jirriżulta li l-ewwel u t-tieni lment tat-tieni parti tat-tieni aggravju imqajjem minn Covestro u l-ewwel parti tal-aggravju uniku mqajjem mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandhom jiġu miċħuda bħala parzjalment ineffettivi u parzjalment infondati.

Fuq l-eżistenza ta' taxxa obbligatorja

– *L-argumenti tal-partijiet*

161 Covestro, permezz tat-tielet ilment tat-tieni parti tat-tieni aggravju tagħha, u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, permezz tat-tieni parti tal-aggravju uniku tagħha, isostnu, essenzjalment, li, fil-punti 99 u 106 sa 148 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 107(1) TFUE billi kklassifikat is-sovrataxxa kontenzjuża bħala taxxa parafiskali jew bħala oneru obbligatorju.

162 Covestro ssostni, l-ewwel nett, li l-Qorti Ġenerali kisret id-dritt nazzjonali meta kkonstatat, b'mod żbaljat, l-eżistenza ta' obbligu ta' ġbir tas-sovrataxxa kontenzjuża fir-rigward tal-operaturi ta' network. Għal dan l-għan, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha, b'mod żbaljat, biss fuq id-Deċiżjoni BNetzA tal-2011. Madankollu, din id-deċiżjoni kienet ġiet iddikjarata mhux biss illegali, iżda nulla mill-bidu, mill-qrati Ġermaniżi, b'tali mod li, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 107 tas-sentenza appellata, l-imsemmija deċiżjoni ma setgħetx tipproduċi effett. Skont Covestro, il-funzjonament tal-mekkaniżmu tas-sovrataxxa kontenzjuża kellu jiġi evalwat fid-dawl tar-Regolament StromNEV 2013, applikabbli b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2012 wara l-annullament tas-seba' sentenza tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament StromNEV 2011. Issa, dawn ir-regolamenti la pprevedew obbligu, għall-operaturi tan-network, li jiġbru s-sovrataxxa kontenzjuża, u lanqas awtorizzaw lill-BNetzA timponi tali obbligu fuq dawn l-operaturi. Barra minn hekk, is-sentenza tal-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) tas-6 ta' Ottubru 2015, li fuqha bbażat ruħha l-Qorti Ġenerali fil-punt 120 tas-sentenza appellata, ma tifformula ebda obbligu ta' dan it-tip.

163 It-tieni nett, Covestro tallega li d-dritt nazzjonali ma jinkludi ebda obbligu ta' ħlas tas-sovrataxxa kontenzjuża la fir-rigward tal-utenti tan-network, li l-Qorti Ġenerali indikat b'mod żbaljat bħala l-"konsumaturi finali", u lanqas fir-rigward tal-konsumaturi finali fil-veru sens tal-kelma. Anki jekk jitqies li d-Deċiżjoni BNetzA tal-2011 imponiet fuq l-operaturi ta' network obbligu li jiġbru din is-sovrataxxa, tali obbligu ma huwiex biżżejjed, kuntrarjament għal dak li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet fil-punti 120, 123 u 125 tas-sentenza appellata, sabiex l-utenti tan-network jiġu obbligati b'mod simmetriku għall-ħlas tas-sovrataxxa. Obbligu ta' ħlas seta' jiġi previst biss skont ftehim kuntrattwali, innegozjat każ b'każ, fl-assenza, għas-snin 2012 u 2013, ta' preskrizzjoni legali dwar l-adozzjoni jew il-kontenut ta' obbligu kuntrattwali li s-sovrataxxa kontenzjuża tiġi mgħoddija lill-utenti tan-network. Covestro hija tal-fehma li, fir-realtà, kien kull fornitur tal-elettriku, bħala utent tan-network, li kellu jiddeċiedi li jgħaddi s-sovrataxxa kontenzjuża lill-konsumaturi finali, ħaġa li l-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina. Anki li kieku l-fornituri kollha kienu ddeċidew li jittrasferixxu b'mod sistematiku din is-sovrataxxa fuq il-konsumaturi finali, tali prattika ma kinitx tkun biżżejjed sabiex jiġi konkluż li jeżisti obbligu legali.

164 It-tielet nett, Covestro tqis li, kuntrarjament għal dak li affermat il-Qorti Ġenerali, fil-punti 126 sa 130 tas-sentenza appellata, l-operaturi tan-network ma rċevewx kumpens sħiħ għat-telf tad-dħul u tal-ispejjeż iġġenerati mill-eżenzjoni kontenzjuża. B'mod partikolari, fil-każ ta' insolvenza tal-konsumatur ta' karga bażika li bbenefika minn din l-eżenzjoni filwaqt li l-kundizzjonijiet ma kinux issodisfatti, kemm id-Deċiżjoni BNetzA tal-2011 kif ukoll il-kuntest ġuridiku applikabbli eskludew it-tpaċija tat-telf ta' krediti tal-operatur tan-network fir-rigward ta' tali konsumatur.

165 B'mod simili, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni, minn naħa, li, b'mod partikolari fil-punti 110, 118, 119 u 121 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, b'mod żbaljat, li r-relazzjoni bejn il-fornitur u l-konsumatur finali tal-elettriku ma kinitx determinanti sabiex jiġi konkluż li kien hemm oneru obbligatorju, għar-raġuni żbaljata li s-sovrataxxa kontenzjuża ma hijiex imposta fuq il-konsum tal-elettriku iżda fuq l-użu tan-network. Min-naħa l-oħra, fil-punti 120 u 122 sa 125 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali rreferiet b'mod żbaljat, u mingħajr ebda motivazzjoni, għall-obbligu ta' ġbir u minn dan iddeduċiet b'mod żbaljat obbligu ta' ħlas tas-sovrataxxa kontenzjuża previst mil-liġi nazzjonali. Fl-assenza ta' obbligu legali ta' ħlas ta' din is-sovrataxxa, il-ġbir tagħha jista' jseħħ biss abbażi tar-regoli tad-dritt ċivili. Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali sabiex tasal għal din il-konstatazzjoni jmur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

166 Il-Kummissjoni tirribatti li t-tielet ilment tat-tieni parti tat-tieni aggravju mqajjem minn Covestro huwa infondat. Hija tqis li l-argumenti mressqa mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja huma bbażati fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata u tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u li huma, fi kwalunkwe każ, ineffettivi.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

167 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 149 ta' din is-sentenza, il-fondi pprovduti minn taxxa jew minn imposti obbligatorji oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u amministrati u mqassma konformement ma' din il-leġiżlazzjoni jikkostitwixxu "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

168 F'dan il-każ, wara li evalwat, fil-punti 110 sa 131 tas-sentenza appellata, is-sovrataxxa kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 132 ta' din is-sentenza, li din is-sovrataxxa kienet timplika l-użu ta' riżorsi tal-Istat. Insostenn ta' din il-konklużjoni, huwa rrileva li d-Deċiżjoni BNetzA tal-2011 kienet timponi fuq l-operaturi tan-network ta' distribuzzjoni l-obbligu li jiġbru s-sovrataxxa kontenzjuża mingħand l-utenti ta' network u li jittrasferixxu d-dħul korrispondenti lill-operaturi tan-network ta' trażmissjoni. Hija qieset ukoll li l-mekkaniżmu tas-sovrataxxa inkwistjoni kien jiżgura li l-operaturi tan-network jiġu kkumpensati kompletament għat-telf ta' dħul, peress li l-ammont ta' din is-sovrataxxa kien adattat għal dak tar-riżorsi meħtieġa minħabba l-eżenzjoni inkwistjoni. Hija enfasizzat ukoll li dan l-ammont kien iddeterminat skont metodu stabbilit mid-Deċiżjoni BNetzA tal-2011, filwaqt li ġie ppreċiżat li, għas-sena 2012, din id-deċiżjoni ffissat l-ammont inizjali tal-istess sovrataxxa.

169 Covestro u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja jikkontestaw dawn l-evalwazzjonijiet permezz ta' tliet sensiliet ta' argumenti.

170 Fl-ewwel lok, Covestro tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ddeduċiet l-obbligu ta' ġbir tas-sovrataxxa kontenzjuża mid-Deċiżjoni BNetzA tal-2011 meta din id-deċiżjoni ġiet iddikjarata nulla mill-qrati Ġermaniżi u li l-qafas leġiżlattiv ma kienx jippermetti lill-BNetzA timponi tali obbligu.

171 F'dan ir-rigward, minbarra l-fatt li, kif jirriżulta mill-punti 107 u 125 tas-sentenza appellata, dawn l-argumenti tqajmu tardivament quddiem il-Qorti Ġenerali, għandu jiġi rrilevat li dawn ma jistgħux jintlaqgħu.

172 Fil-fatt, la l-illegalità eventwali ta' skema ta' għajnuna, fid-dawl b'mod partikolari tad-dritt nazzjonali, u lanqas l-annullament tagħha ma jneħħulha n-natura tagħha ta' "għajnuna mill-Istat", sa fejn, minkejja tali illegalità jew annullament, tali skema pproduċiet effetti

fil-prattika (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Marzu 2005, Heiser, C-172/03, EU:C:2005:130, punt 38, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Aer Lingus u Ryanair Designated Activity, C-164/15 P u C-165/15 P, EU:C:2016:990, punt 69), kif essenzjalment iddeċidiet ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punti 107 u 125 tas-sentenza appellata. Barra minn hekk, hekk kif il-Qorti Ġenerali ġustament irrilevat ukoll fil-punt 107 ta' din is-sentenza, l-effettività tar-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat tiddgħajjef b'mod kunsiderevoli jekk l-applikazzjoni tagħhom tkun tista' tiġi eskluża minħabba s-sempliċi fatt li miżura ta' għajnuna, li, fil-prattika, ġiet applikata, ġiet sussegwentement iddikjarata nulla *ab initio*. Għalhekk, huwa irrilevanti, f'dan ir-rigward, li l-annullament eventwali tal-iskema ta' għajnuna hija retroattiva, peress li, matul ċertu perijodu, l-iskema ġiet effettivament applikata fil-prattika (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-286/12, EU:C:2012:687, punti 44 u 45).

173 Fir-rigward tas-sentenza tal-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) tas-6 ta' Ottubru 2015, imsemmija fil-punt 120 tas-sentenza appellata, għandu jiġi enfasizzat li l-Qorti Ġenerali llimitat ruħha sabiex tirrileva li din il-qorti Ġermaniża qieset li s-sovrataxxa kontenzjuża kienet tikkostitwixxi taxxa li permezz tagħha t-telf sostnut mill-operaturi tan-network kellu jkun kopert. Minn dan isegwi li, sa fejn Covestro tikkritika lill-Qorti Ġenerali li b'mod żbaljat iddeduċiet minn din is-sentenza l-eżistenza ta' obbligu ta' ġbir tas-sovrataxxa kontenzjuża, l-argument tagħha huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata.

174 Fit-tieni lok, Covestro u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja jallegaw li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, b'mod żbaljat, l-eżistenza ta' obbligu ta' ħlas tas-sovrataxxa kontenzjuża imposta fuq il-konsumaturi finali, li, barra minn hekk, ġew iddefiniti b'mod żbaljat bħala li jinkludu l-utenti tan-network.

175 L-ewwel nett, fir-rigward tal-identifikazzjoni tad-debituri finali tas-sovrataxxa kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 118 tas-sentenza appellata, li din is-sovrataxxa kienet tikkonċerna biss ir-relazzjoni bejn l-operaturi tan-network u l-utenti tan-network, peress li din is-sovrataxxa tinġabar bħala konsegwenza tal-użu tan-network, mhux tal-konsum tal-elettriku. Minn dan hija ddeduċiet, fil-punt 119 ta' dik is-sentenza, li l-kwistjoni dwar jekk il-forniturі tal-elettriku kinux min-naħa tagħhom obbligati jittrasferixxu l-imsemmija sovrataxxa fuq il-konsumaturi finali tal-elettriku kienet irrilevanti. Fil-fehma tiegħu, fil-fatt, id-debituri finali tas-sovrataxxa kienu l-utenti tan-network, jiġifieri l-forniturі stess kif ukoll il-konsumaturi finali direttament konnessi man-network, u mhux il-konsumaturi finali l-oħra.

176 F'dan ir-rigward, il-kunsiderazzjoni li s-sovrataxxa kontenzjuża tinġabar bħala konsegwenza tal-użu tan-network u dik li l-utenti tan-network għandhom jinftiehmu bħala konsumaturi finali jaqgħu taħt evalwazzjoni fattwali. Issa, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 119 ta' din is-sentenza, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tistħarreġ tali evalwazzjoni, fl-assenza ta' kwalunkwe allegazzjoni ta' żnaturament.

177 It-tieni nett, fir-rigward tal-eżistenza ta' obbligu ta' ħlas fir-rigward tal-utenti tan-network, mill-punti 120 u 122 sa 124 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali adottat l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni li jgħidu li d-Deċiżjoni BNetzA tal-2011 kienet timponi, fuq l-operaturi tan-network ta' distribuzzjoni, l-obbligu li jiġbru u jgħaddu s-sovrataxxa kontenzjuża mingħand l-utenti ta' network u li din id-deċiżjoni kienet tipprevedi wkoll li kull xahar jittrasferixxu d-dħul iġġenerat minn din is-sovrataxxa lid-diversi operaturi tan-network ta' trażmissjoni. Minn dan hija kkonkludiet li s-sovrataxxa kontenzjuża, introdotta minn awtorità amministrattiva permezz ta' miżura regolatorja, kienet ta' natura obbligatorja fir-rigward tal-utenti tan-network.

178 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tippreċiża l-kriterju mfakkar fil-punti 149 u 167 ta' din is-sentenza, ammonti li jirriżultaw mis-suppliment ta' prezz impost mill-Istat fuq ix-xerrejja tal-elettriku jixbhu taxxa imposta fuq l-elettriku u li joriġinaw minn "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Sabiex jiġu kkunsidrati bħala tali, il-fondi għandhom jiġu minn kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat u jiġu ġestiti u mqassma konformement ma' din il-leġiżlazzjoni, indipendentement mill-punt dwar jekk il-mekkaniżmu ta' finanzjament jaqax, fis-sens strett, fil-kategorija tal-ġbir ta' natura fiskali fid-dritt nazzjonali. Min-naħa l-oħra, ma huwiex biżżejjed li l-operaturi ta' networks jgħaddu fuq il-prezz ta' bejgħ tal-elettriku lill-klijenti finali tagħhom l-ispejjeż addizzjonali kkawżati mill-obbligu tagħhom li jixtru l-elettriku prodott minn ċerti sorsi ta' enerġija bit-tariffi stabbiliti fil-liġi, jekk dan il-kumpens jirriżulta mhux minn obbligu legali, iżda biss minn prassi. Fil-fatt, f'każ bħal dan, il-ġbir ma jistax jiġi kkunsidrat bħala obbligatorju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, DOBELES HES, C-702/20 u C-17/21, EU:C:2023:1, punti 34 sa 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

179 F'dan il-każ, mill-konstatazzjonijiet fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali jirriżulta li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistħarreġ li d-Deċiżjoni BNetzA tal-2011 kienet tobbliga l-operaturi tan-network ta' distribuzzjoni li jiġbru s-sovrataxxa kontenzjuża mingħand l-utenti ta' network. Huwa paċifiku wkoll, fid-dawl tal-konstatazzjonijiet fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punti 12, 99 u 129 tas-sentenza appellata, li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tistħarreġ, li din id-deċiżjoni kienet tipprevedi l-metodu li bih l-ammont tas-sovrataxxa kontenzjuża kellu jiġi ddeterminat, kull sena, mill-operaturi tan-network ta' trażmissjoni.

180 Issa, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 178 ta' din is-sentenza, għandu jitqies li ammonti li jirriżultaw minn ġbir obbligatorju li, bħas-sovrataxxa kontenzjuża, hija imposta permezz ta' miżura leġiżlattiva, li tidentifika l-entitajiet, anki jekk privati, inkarigati mill-ġbir ta' din it-taxxa mingħand id-debituri identifikati wkoll minn din il-miżura u li tiddefinixxi l-metodu li jippermetti li jiġi ddeterminat l-ammont tal-ġbir u l-aġġustament annwali tagħha, joriġinaw minn "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. B'mod partikolari, peress li din it-taxxa toriġina minn miżura leġiżlattiva, li tobbliga lill-operaturi tan-network li jiġbruha, ma jistax jiġi affermat li din tirriżulta minn sempliċi prattika.

181 Huwa irrilevanti, f'dan ir-rigward, li l-miżura regolatorja tipprevedi biss obbligu ta' ġbir tas-sovrataxxa kontenzjuża fuq l-operaturi ta' network mingħajr ma tidentifika espliċitament obbligu ta' ħlas ta' din is-sovrataxxa fuq l-utenti ta' network. L-effett utli tal-obbligu legali ta' ġbir tal-imsemmija sovrataxxa jimplika, fil-fatt, neċessarjament obbligu simetriku ta' ħlas ta' din it-taxxa mid-debituri tagħha.

182 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-kumpens għall-ispejjeż maħluqa mill-eżenzjoni kontenzjuża, minn naħa, il-Qorti Ġenerali, filwaqt li rreferiet għad-Deċiżjoni BNetzA tal-2011, adottat, fil-punti 126, 127 u 130 tas-sentenza appellata, il-konstatazzjoni magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża li tgħid li l-mekkaniżmu tas-sovrataxxa kontenzjuża kien jiżgura lill-operaturi tan-network il-kumpens sħiħ tat-telf sostnut minnhom minħabba l-eżenzjoni kontenzjuża, peress li l-ammont ta' din is-sovrataxxa kien adattat għal dak tar-riżorsi meħtieġa minħabba din l-eżenzjoni.

183 Issa, l-evalwazzjoni li skontha l-metodu ta' determinazzjoni tal-ammont tas-sovrataxxa kontenzjuża previst mid-Deċiżjoni BNetzA tal-2011 kellu jippermetti li jiġu koperti l-ispejjeż kollha marbuta mal-eżenzjoni kontenzjuża taqa' taħt evalwazzjoni fattwali tal-Qorti Ġenerali li

ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tistħarreġ fl-istadju tal-appell fl-assenza ta' kwalunkwe allegazzjoni ta' żnaturament, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 119 ta' din is-sentenza.

184 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-telf ta' dħul dovut għal insolvenza, li huwa sostnut ekonomikament mill-operaturi tan-network ta' distribuzzjoni huwa sostnut ekonomikament mill-operaturi tan-network ta' distribuzzjoni, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 130 tas-sentenza appellata, li tali telf ma jikkostitwixxix telf ta' dħul fis-sens tas-sistema inkwistjoni u huwa ġġustifikat mill-fatt li r-relazzjonijiet bejn l-operaturi ta' network u d-debituri finali tat-taxxa kontenzjuża huma relazzjonijiet ta' dritt privat.

185 Issa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li fondi pprovduti permezz ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat, ġestiti u mqassma skont din il-leġiżlazzjoni, jistgħu jitqiesu bħala "riżorsi tal-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, anki jekk huma ġestiti minn entitajiet distinti mill-awtorità pubblika (sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et*, C-262/12, EU:C:2013:851, punt 25, kif ukoll tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et*, C-706/17, EU:C:2019:407, punt 54).

186 Għaldaqstant, u sa fejn tali entitajiet, bħall-operaturi ta' network, huma suġġetti għal obbligu ta' ġbir tat-taxxi inkwistjoni, il-fatt li r-relazzjonijiet bejn dawn l-operaturi u d-debituri finali tas-sovrataxxa kontenzjuża huma relazzjonijiet tad-dritt privat ma jipprekludix li l-fondi alimentati minn din is-sovrataxxa jiġu kkunsidrati bħala li huma riżorsi tal-Istat. L-istess japplika għall-fatt li t-telf ta' dħul, inklużi t-telf ta' sovrataxxa kontenzjuża, huwa sostnut, fil-każ ta' insolvenza, mill-imsemmija operaturi. Fi kwalunkwe każ, Covestro ma ppreżentat ebda argument intiż, speċifikament, sabiex juri li l-kunsiderazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tali telf ma jikkostitwixxix telf ta' dħul fis-sens tas-sistema inkwistjoni hija vvizzjata bi żball ta' liġi.

187 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, it-tielet ilment tat-tieni parti tat-tieni aggravju mqajjem minn Covestro u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt 124 ta' din is-sentenza, l-ewwel aggravju mqajjem minn din il-parti, kif ukoll it-tieni parti tal-aggravju uniku mqajjem mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

Fuq il-kontroll statali

– *L-argumenti tal-partijiet*

188 Covestro, permezz tar-raba' lment tat-tieni parti tat-tieni aggravju tagħha, u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, permezz tat-tielet parti tal-aggravju uniku tagħha, jikkritikaw, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali talli wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li jeżisti kontroll statali fuq il-fondi li jirriżultaw mis-sovrataxxa kontenzjuża.

189 Il-Kummissjoni tqis li dan ir-raba' lment kif ukoll din it-tielet parti huma infondati u, fi kwalunkwe każ, ineffettivi.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

190 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 148 sa 151 ta' din is-sentenza, l-eżistenza ta' taxxa jew ta' imposti obbligatorji oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u amministrati u mqassma skont din il-leġiżlazzjoni u l-eżistenza ta' kontroll statali fuq is-somom inkwistjoni jikkostitwixxu żewġ kriterji alternattivi li jippermettu li jiġu identifikati "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

191 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 132 tas-sentenza appellata, li s-sovrataxxa kontenzjuża kienet tikkostitwixxi taxxa parafiskali jew oneru obbligatorju li jimplika l-użu ta' "riżorsi tal-Istat", fis-sens ta' din il-ġurisprudenza. Kif jirriżulta mill-punti 167 sa 187 ta' din is-sentenza, Covestro u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma rnexxilhomx juru li din il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija vvizzjata bi żball ta' liġi.

192 Issa, l-imsemmija konstatazzjoni hija, waħedha, suffiċjenti sabiex jitqies li l-miżura inkwistjoni kienet mogħtija permezz ta' "riżorsi tal-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, mingħajr ma hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk is-somom inkwistjoni kinux taħt il-kontroll tal-Istat.

193 Għaldaqstant, ir-raba' lment tat-tieni parti tat-tieni motiv imqajjem minn Covestro u t-tielet parti tal-motiv uniku tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja huma ineffettivi.

194 Mill-motivi kollha preċedenti jirriżulta li t-tieni parti tat-tieni aggravju mqajjem insostenn tal-appell fil-Kawża C-790/21 P kif ukoll l-aggravju uniku mqajjem insostenn tal-appell fil-Kawża C-791/21 P għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

Fuq it-tielet aggravju fil-Kawża C-790/21 P

L-argumenti tal-partijiet

195 Permezz tat-tielet aggravju mqajjem insostenn tal-appell tagħha fil-Kawża C-790/21 P, Covestro tinvoka ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li l-Qorti Ġustizzja wettqet fil-punti 192 sa 210 tas-sentenza appellata. Il-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni differenza fit-trattament li tirriżulta mill-ordni ta' rkupru tal-għajnuna. Għalhekk, il-konsumaturi ta' karga bażika li, bħal Covestro, ibbenefikaw mill-eżenzjoni inkwistjoni huma obbligati jħallsu, minħabba l-irkupru tal-għajnuna ordnata mid-deċiżjoni kontenzjuża, tariffa minima ta' ammont li jikkorrispondi għal 20 % tat-tariffi ġenerali mħabbra. Min-naħa l-oħra, konsumaturi ta' karga bażika, li kienu jissodisfaw il-kriterji sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni inkwistjoni għas-snin 2012 u 2013, li kienu talbuha fil-ħin iżda kienu għadhom ma rċevewx id-deċiżjoni definittiva ta' eżenzjoni fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament StromNEV 2013, setgħu jibbenefikaw mis-sistema tranżitorja stabbilita minnu u minħabba f'hekk ikunu suġġetti għal tariffi fissi, li jkunu, jekk ikun il-każ, inferjuri għal din it-tariffa minima.

196 L-ewwel nett, fil-punt 204 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet b'mod żbaljat ir-rilevanza tas-sistema tranżitorja fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha ta' ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Għal dan l-għan, il-Qorti Ġenerali kellha tevalwa s-sitwazzjoni li kienet teżisti fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, fi kliem ieħor fil-mument tal-irkupru ordnat mill-Kummissjoni, u tieħu inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni tal-kuntest ġuridiku Ġermaniż. Minħabba l-ordni ta' rkupru tal-għajnuna, l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu obbligati jittrattaw

sitwazzjonijiet identiċi b'mod differenti mingħajr ebda raġuni oġġettiva. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma tistax tinjora s-sistema tranżitorja minħabba li din l-iskema ma ġietx innotifikata lill-Kummissjoni.

197 It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina jekk l-inugwaljanza fit-trattament fi ħdan il-grupp ta' konsumaturi ta' karga bażika kinitx iġġustifikata. Issa, skont Covestro, dawn il-konsumaturi kienu jifformaw grupp omoġenju.

198 It-tielet nett, fil-punti 207 u 210 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-konsumaturi finali antiċikliċi u l-konsumaturi ta' karga kontinwa kellhom aġir ta' xiri differenti, filwaqt li sostniet li t-tariffi individwali kienu, minkejja din id-differenza, raġonevoli. Din is-sentenza hija vvizzjata bi żball ta' liġi sa fejn hija tqis bħala ġġustifikata l-ugwaljanza fit-trattament ta' dawn iż-żewġ kategoriji ta' konsumaturi li madankollu jinsabu f'sitwazzjonijiet differenti. Barra minn hekk, is-sentenza appellata hija bbażata fuq kontradizzjoni sa fejn il-Qorti Ġenerali affermat, minn naħa, fil-punt 208 ta' din is-sentenza, li t-tariffi individwali kkalkolati skont il-metodu tal-passaġġ fiżiku jistgħu jkunu nulli jew kważi nulli u, min-naħa l-oħra, fil-punt 65 tal-imsemmija sentenza, li aċċess kważi b'xejn għan-network ma huwiex possibbli. Fl-aħħar nett, fil-punt 209 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkunsidrat li l-assimilazzjoni tal-utenti antiċikliċi mal-konsumaturi ta' karga kontinwa hija x-xogħol tal-leġiżlatur Ġermaniż. Huwa jinjora, f'dan ir-rigward, li s-sistema tranżitorja daħlet fis-seħħ b'mod retroattiv.

199 Il-Kummissjoni tirribatti li t-tielet aggravju fil-Kawża C-790/21 P huwa inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

200 Covestro essenzjalment takkuża lill-Qorti Ġenerali li kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni billi ċaħdet, fil-punti 192 sa 210 tas-sentenza appellata, l-argumenti tagħha bbażati fuq in-natura diskriminatorja tal-ordni ta' rkupru tal-għajnuna.

201 Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn l-argumenti għal raġuni prinċipali u għal raġunijiet sussidjarji.

202 Minn naħa, il-Qorti Ġenerali ċaħdithom bħala ineffettivi, fil-punti 194 u 195 ta' din is-sentenza. Hija rrilevat, għal dan l-għan, li Covestro ma kkontestatx in-natura selettiva, u għaldaqstant diskriminatorja, tal-eżenzjoni kontenzjuża u li hija ma spjegatx sa fejn l-ordni ta' rkupru ta' miżura li hija ma tikkontestax in-natura diskriminatorja tagħha tista' tkun, min-naħa tagħha, diskriminatorja.

203 Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-imsemmija argumenti bħala infondati, fil-punti 196 sa 209 tal-imsemmija sentenza. F'dan ir-rigward, mill-użu tal-espressjoni "[f]i kwalunkwe każ", fil-punt 196 tal-istess sentenza, jirriżulta li l-motivi li jinsabu f'dawn il-punti 196 sa 209 jifformaw motivi superfluwi.

204 Issa, permezz ta' dan il-motiv, Covestro ma qajmet ebda argument intiż sabiex jikkontesta speċifikament il-motiv prinċipali msemmi fil-punti 194 u 195 tas-sentenza appellata. L-argumenti kollha tagħha huma intiżi, fir-realtà, sabiex jikkontestaw il-motivi superfluwi li jinsabu fil-punti 196 sa 209 ta' din is-sentenza.

205 Minn dan isegwi li, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 97 ta' din is-sentenza, it-tielet aggravju mqajjem minn Covestro insostenn tal-appell tagħha fil-Kawża C-790/21 P għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv, mingħajr ma jkun hemm bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tiegħu.

206 Konsegwentement, peress li l-aggravji kollha mqajma insostenn tal-appelli prinċipali fil-Kawżi C-790/21 P u C-791/21 P ġew miċħuda, dawn l-appelli għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

Fuq l-ispejjeż

207 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) u (2) ta' dawn ir-regoli, li, bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, japplika għall-proċedura ta' appell, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu, u li, jekk ikun hemm iktar minn parti waħda li titlef il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar kif għandhom jinqasmu l-ispejjeż.

208 F'dan il-każ, Covestro u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tilfu t-talbiet kollha tagħhom li jikkonċernaw, rispettivament, l-appell prinċipali fil-Kawża C-790/21 P u l-appell prinċipali fil-Kawża C-791/21 P, filwaqt li l-Kummissjoni tilfet it-talbiet kollha tagħha dwar l-appelli inċidentali f'dawn il-kawżi.

209 F'dawn iċ-ċirkustanzi, tkun saret evalwazzjoni ġusta taċ-ċirkustanzi tal-każ jekk jiġi deċiż li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-appelli prinċipali u l-appelli inċidentali huma miċħuda.**

2) **Covestro Deutschland AG, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

Firem